**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**Onor. Imhallef**
**Joseph Zammit McKeon**

**Illum it-Tnejn 29 ta` Frar 2016**

**Kawza Nru. 15**
**Rik. Gur. Nru. 723/08 JZM**

**Mario Bondin (ID NO. 800449 M), Julian Debono (ID NO. 230154 M), Joe Azzopardi u b`digriet tas-16 ta` Novembru 2009 l-isem "Joe Azzopardi" gie jaqra "Joseph Azzopardi" (ID NO. 268149 M), Charles Zammit u b`digriet tas-16 ta` Novembru 2009 l-isem "Charles Zammit" gie jaqra "Carmelo Zammit" (ID NO. 148450 M), Gejtu Sammut u b`digriet tas-16 ta` Novembru 2009 l-isem "Gejtu Sammut" gie jaqra "Gaetano Sammut" (ID NO. 801948 M), George Debono u b`digriet tas-16 ta` Novembru 2009 in-numru ta` (ID 259348M) gie jaqra (ID 259848M) u bl-istess digriet gew eliminati "George Debono" (ID NO. 259348 M) peress li huwa imnizzel ghal darb ohra, Carmel Delmar (ID NO. 383248 M) u b`digriet tal-5 ta` Awwissu 2009 l-atti f`isem Carmel Delmar (ID NO. 383248 M) gew trasfuzi f`isem il-werrieta uliedu Jennifer Pauline Bugeja (ID NO. 333492 M) u Sharon Vivienne Delmar (ID NO. 333792 M), Anthony Farrugia (ID NO. 708348 M), Francis Darmanin (ID NO. 1001547 M), Carmel Zammit (ID NO. 36458 M), Joe Montebello (ID NO. 941050 M), George Cassar (ID NO. 348350 M), C Grech u b`digriet tas-16 ta` Novembru 2009 l-isem "C Grech" gie jaqra "Charles Grech" (ID NO. 381855 M), Joe Formosa (ID 0466050 M) u b`digriet tas-16 ta` Novembru 2009 l-isem u n-numru "Joe Formosa (ID NO. 0460050 M)" gew jaqraw "Joseph Formosa (ID 466050 M),**

**George Arapa (ID NO. 418651 M), Michael Azzopardi (ID NO. 37354 G), Frans Cutajar (ID NO. 944550M), David Muscat (ID NO. 29252 G), Leo Muscat u b`digriet tas-16 ta` Novembru 2009 l-isem "Leo Muscat" gie jaqra "Leone Muscat" (ID NO. 927350 M), Joe Abela u b`digriet tas-16 ta` Novembru 2009 l-isem "Joe Abela" gie jaqra "Joseph Abela" (ID NO. 534050 M), Philip Cilia (ID NO. 611159 M), Frans Camilleri (ID NO. 306853 M), Joe Muscat u b`digriet tas-16 ta` Novembru 2009 l-isem "Joe Muscat" gie jaqra "Joseph Muscat" (ID NO. 771952 M), Anthony Chircop (ID NO. 703060 M), Twanny Said u b`digriet tas-16 ta` Novembru 2009 l-isem "Twanny Said" gie jaqra "Anthony Said" (ID NO. 762251 M), Antoine Abela (ID NO. 333877 M), Emanuel Fabri (ID NO. 891752 M), Mario Spiteri (ID NO. 732759 M), Philip Galea (ID NO. 533758 M), Paul Falzon (ID NO. 143460 M), Zaren Baldacchino u b`digriet tas-16 ta` Novembru 2009 l-isem "Zaren Baldacchino" gie jaqra "Nazzareno Baldacchino" (ID NO. 684356 M), Joe Cardona u b`digriet tas-16 ta` Novembru 2009 l-isem "Joe Cardona" gie jaqra "Joseph Cardona" (ID NO. 1020249 M), Angelo Buttigieg (ID NO. 301956 M), Anthony Magri (ID NO. 104649 M), Carmelo Falzon (ID NO. 654856 M), Vincent Azzopardi (ID NO. 429449 M), Franco Fabri (ID NO. 61756M) u b`digriet tas-16 ta` Novembru 2009 il-kliem "Franco Fabri (ID NO. 61756 M) ghandu jigi mhassar, Rennie Agius (ID NO. 272075 M), Keith Spiteri (ID NO. 324282 M), Charles Micallef (ID NO. 377350 M), Ivan Spiteri (ID NO. 426678 M), Joe Bigeni u b`digriet tas-16 ta` Novembru 2009 l-isem "Joe Bigeni" gie jaqra "Joseph Bigeni" (ID NO. 984750 M), George Agius (ID NO. 24561 M), Gejtu Azzopardi u b`digriet tas-16 ta` Novembru 2009 l-isem "Gejtu Azzopardi" gie jaqra "Gaetano Azzopardi" (ID NO. 92054 M), Philip Vassallo (ID NO. 96465 M), Indri Bartolo u b`digriet tas-16 ta` Novembru 2009 l-isem "Indri Bartolo" gie jaqra "Andrew Bartolo" (ID NO. 524352 M), Anthony Micallef (ID NO. 480682 M), George Briffa (ID NO. 722448 M), Carmel Apap u b`digriet tas-16 ta` Novembru 2009 l-isem "Carmel Apap" gie jaqra "Carmelo Apap" (ID NO. 788560 M), Carmel Galea u b`digriet tas-16 ta` Novembru 2009 l-isem "Carmel Galea" gie jaqra "Carmelo Galea" (ID NO. 1080348 M), Joseph Zammit (ID NO. 246847 M), Lorry Micallef u b`digriet tas-16 ta` Novembru 2009 l-isem "Lorry Micallef" gie jaqra "Lawrence Micallef" (ID NO. 969850 M), Alfred Ellul (ID NO. 871851 M), Carmelo Falzon (ID NO. 347348 M), Anthony Gauci (ID NO. 526258 M), George Debono (ID NO. 259848 M), Sebastian Aquilina (ID NO.**

**1084248 M), Joe Mifsud u b`digriet tas-16 ta` Novembru 2009 l-isem "Joe Mifsud" gie jaqra "Joseph Mifsud" (ID NO. 503455 M), George Spiteri (ID NO. 722250 M), Joseph Abela u b`digriet tas-16 ta` Novembru 2009 l-isem "Joseph Abela" gie jaqra "Joseph E. Abela" (ID NO. 970750 M), Guido Chircop (ID NO. 208155 M), Emanuel Grixti (ID NO. 696154 M), Tony Felice u b`digriet tas-16 ta` Novembru 2009 l-isem "Tony Felice" gie jaqra "Anthony Felice" (ID NO. 253646 M), Joseph Mifsud (ID NO. 665151 M), Joseph Vella (ID NO. 048350 G), Joe Zammit (ID NO. 652453 M), Tony Muscat (ID NO. 813847 M), Noel Borg u b`digriet tas-16 ta` Novembru 2009 l-isem "Noel Borg" gie jaqra "Emanuel Borg" (ID NO. 6264 M), Carmelo Said (ID NO. 800152 M), Joseph Rini u b`digriet tas-16 ta` Novembru 2009 l-isem "Joseph Rini" gie jaqra "Joseph Cini" (ID NO. 429249 M), John Cilia (ID NO. 246349 M), Philip Fenech (ID NO. 353763 M), Herman Bezzina (ID NO. 408361 M), Carmen Mifsud u b`digriet tas-16 ta` Novembru 2009 l-isem "Carmen Mifsud" gie jaqra "Carmelo Mifsud" (ID NO. 700653 M), Leli Grixti (ID NO. 852953M) u b`digriet tas-16 ta` Novembru 2009 l-isem u n-numru "Leli Grixti (ID NO. 852953 M)" gew jaqraw "Emanuel Grixti (ID NO. 852253 M)", T Mallia u b`digriet tas-16 ta` Novembru 2009 l-isem "T Mallia" gie jaqra "Tarcisio Mallia" (ID NO. 058053 M), Joseph Borg (ID NO. 652157 M), George Cini (ID NO. 045953 M), George Cardona (ID NO. 599350 M) u b`digriet tat-22 ta` April 2013 l-atti f`isem George Cardona (ID NO. 599350 M) gew trasfuzi f`isem l-eredi universali tieghu uliedu Julian Cardona (ID NO 456674 M), Caroline Schembri Cardona (ID NO. 57379 M), u Daniela Cardona (ID NO. 5259984M) stante l-mewt tieghu, u Simone Scerri (ID NO. 23870 M)**

***kontra***

**L-Onorevoli Prim Ministru, l-Avukat Generali tar-Repubblika, Ministru ghall-Kompetittivita` u Komunikazzjoni, Chairman tal-Awtorita` Marittima ta` Malta , u b`digriet tat-22 ta` Jannar 2015 l-Awtorita` ghat-Trasport f`Malta giet awtorizzata tassumi l-atti minflok ic-"Chairman tal-Awtorita` Marittima", u President u Tezorier tal-Malta Dockers` Union u b`digriet tat-22 ta` Ottubru 2013 George Falzon (ID NO. 282844 M) gie awtorizzat jintervjeni fil-kawza in statu et terminis**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-18 ta` Lulju 2008 li jaqra :–

*1. Illi l-atturi rikorrenti huma lkoll haddiema tax-Xatt licenzjati u rikonoxxuti that il-Port Workers` Regulations ; u*

*2. Illi ricentement, u aktar precizament fit-30 ta` Gunju 2007, il-konvenuti intimati President u Tezorier tal-Malta Dockers` Union flimkien mal-Ministru ghall-Kompetittivita` u Komunikazzjoni u c-Chairman tal-Malta Maritime Authority, kkonkludew ftehim li in foza tieghu gew effetwati hlasijiet lill-haddiema tax-Xatt minn fondi mizmuma fil-Pension & Contingency Fund, u dan in lieu tal-cost of living allowance dovut lill-haddiema ; u*

*3. Illi l-hlas reali spettanti lill-haddiema tax-Xatt in lieu tal-cost of living allowance dovut b`effett mill-1973, ghal kull haddiem licenzjat skont minn meta beda f`dan ix-xoghol, kien jeccedi bil-bosta dak li effettivament rcevew l-atturi rikorrenti, u fil-fatt is-somma li thallset lill-atturi rikorrenti giet dikjarata mill-Port Workers` Section bhala hlas ex gratia kif indikat fil-ftehim, specifikament fi klawsola 6.2(d)(i), li huwa inqas minn dak dovut, meta fil-fatt dan il-hlas kien dovut lilhom fl-intier tieghu, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza ; u*

*4. Illi oltre dan, in forza tal-istess ftehim, liema ftehim huwa nieqes minn Appendici A u B, u b`liema ftehim gew favoreggjati u preferuti dawk il-haddiema li ottjenew il-licenzja ricentement, stante illi dawn il-haddiema rcevew hlas bil-quddiem tal-cost of living allowance (u cioe` gie affetwat hlas favur taghhom a bazi ta` kemm fadlilhom zmien jahdmu minn meta nghataw il-licenzja sal-eta` pensjonabbli), filwaqt illi l-atturi rikorrenti rcevew il-hlas tal-cost of living allowance a bazi taz-zmien kemm ilhom licenzjati bhala haddiema tax-Xatt sal-eta` pensjonabbli jew sa ghaxar (10) snin minn meta dahlu port workers minn Gunju 2007 ; u*

*5. Illi in forza tal-ftehim konkluz fit-30 ta` Gunju 2007, id-drittijiet tal-atturi rikorrenti gew ippregudikati, stante illi huma gew imcahhda minn*

*flus dovuti lilhom u li kkontribwew direttament ghalihom huma stess, u li gew depozitati fil-Pensions and Contingency Fund minn fejn gew effetwati l-hlasijiet, imsemmija aktar `l fuq, u wkoll peress li meta l-Haddiema tax-Xatt jiehdu l-leave, huma ma jkollhomx dritt pro rata ghal dawn il-hlasijiet ; u*

*6. Illi l-atturi rikorrenti gew kostretti li jaccettaw il-pattijiet u l-kundizzjonijiet stipulati f`dan il-ftehim, inkluz il-hlas effetwat lilhom, stante fin-nuqqas li jaghmlu dan, kienu jigu mcahhda mill-hlas ta` circa ekwivalenti ghal Euro 34,940.60 ekwivalenti ghal Lm 15,000, meta jispicca biz-zmien u wkoll il-werrieta li kien fadal tal-atturi rikorrenti jibdew mill-cost of living allowance 0-rating, meta kull eredi li dahal qabel id-data tal-kuntratt, u cioe` qabel it-30 ta` Gunju 2007, ha l-vantaggi kollha li halla missieru ; u*

*7. Illi ghalkemm il-konvenuti intimati gew interpellati sabiex jirrimedjaw ghal din is-sitwazzjoni, huma baqghu inadempjenti ;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha :-*

*1. Tiddikjara illi in forza tal-ftehim iffirmat fit-30 ta` Gunju 2007 bejn il-konvenuti ntimati, gew ippregudikati u lezi d-drittijiet tal-atturi rikorrenti, u dan kif dettaljat aktar `l fuq, u konsegwentement dan il-ftehim ghandu jigi dikjarat null u bla effett.*

*2. Tiddikjara illi l-atturi rikorrenti ghandhom lkoll jircievu l-hlas dovut lilhom fl-intier tieghu in lieu tal-cost of living allowance, oltre dak il-hlas in parte li gja rcievew u li huwa dovut mill-Pensions and Contingency Fund ghas-snin kollha ta` hidma li wettqu l-atturi rikorrenti minn meta ottjenew il-licenzja relattiva, oltre illi l-werrieta taghhom ghandhom igawdu l-istess dritiijiet bhal ma hadu l-werrieta l-ohra li dahlu bhala port workers qabel it-30 ta` Gunju 2007.*

*3. Konsegwentement, tordna illi l-atturi rikorrenti ghandhom jircievu u jinghataw il-hlas spettanti lilhom fl-intier tieghu.*

*Bl-ispejjez, inkluz tal-protest gudizzjarju datat 21 ta` Dicembru 2007, kontra l-konvenuti intimati ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi, u l-elenku ta` dokumenti li kienu esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata pprezentata fit-**<u>8 ta` Awissu 2008</u>** mill-konvenuti Onor. Prim Ministru, Avukat Generali u Ministru tal-Kompetittivita` u Komunikazzjoni li taqra hekk :–

*Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju, l-esponenti, Prim Ministru u l-Avukat Generali mhumiex il-legittimi kuntraditturi ghal rikors ta` din in-natura u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju ;*

*Illi wkoll minghajr pregudizzju, ir-responsabbilta` li qabel kienet taqa` taht id-dikasteru tal-Ministru tal-Kompetittivita` u Komunikazzjoni, mill-bidu ta` din il-legislatura, saret taqa` taht il-Ministru tal-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni u minhabba f`hekk jehtieg il-bidla fl-okkju ta` dan ir-rikors sabiex tigi riflessa tali bidla u dan wara li jsir t-talba apposita da parti tar-rikorrenti f`dan ir-rikors ;*

*Illi minghajr pregudizzju, ghandu jigi rilevat li ghalkemm l-intimat Ministru tal-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, gja Ministru tal-Kompetittivita` u Komunikazzjoni, fil-fatt iffirma bhala wiehed mill-partijiet fuq il-ftehim li qed isibu oggezzjoni ghalih ir-rikorrenti, fil-fatt l-istess rikorrenti kienu ben sapevoli tal-fatt li effettivament n-negozjati dwar dan il-ftehim fl-akbar parti taghhom kienu saru bejn l-intimata, Malta Dockers` Union, u l-intimata Awtorita` Marittima Maltija, li effettivament ghandha rwol ta` regolatur ta` dan is-settur skont il-ligi ;*

*Illi minghajr pregudizzju, l-esponenti jixtiequ jissottomettu li meta fil-fatt kienu qed jsiru n-negozjati mal-Malta Dockers` Union, dawn kienu qed isiru minhabba l-fatt li l-istess Union kellha bhala member taghha il-maggoranza assoluta tal-haddiema licenzjati tax-xatt, biex b`hekk setghet tinghata r-recognition da parti tal-Awtorita` Marittima Maltija biex setghu jsiru tali negozjati ;*

*Illi in vista ta` dan il-fatt l-istess Malta Dockers` Union kienet qed tinnegozja mal-esponenti anke ghan-nom tal-istess rikorrenti ;*

*Illi, ukoll minghajr pregudizzju, jekk ir-rikorrenti jidrilhom li ghandhom xi ilment xi jressqu fir-rigward tal-mod ta` kif tmexxew in-negozjati da parti tal-intimata l-ohra, il-Malta Dockers` Union mal-intimata Awtorita` Marittima Maltija, allura dawn ghandhom iressqu l-ilment taghhom fil-konfront tal-istess Malta Dockers` Union u mhux fil-konfront tal-esponenti ;*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad t-talbiet rikorrenti kif edotti fil-konfront tal-esponenti bl-ispejjez kontra l-istess esponenti.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-istess konvenuti.

Rat ir-risposta guramentata li pprezentat il-konvenuta Malta Dockers Union fit-12 ta` Awwissu 2008 li taqra hekk :–

*1. Illi t-talbiet imressqa minn tnejn u sebghin (72) mir-rikorrenti*[1] *huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi dwn iddikjaraw b`mod univoku u indubitabbli, skont ma jirrizulta mill-annessi dokumenti markati DOK "X1" sa Dok "X72", illi l-pagament offert gie accettat minnhom rispettivament illi jinsabu sodisfatti u li m`ghandhom l-ebda pretensjoni.*

*Illi ghalhekk dawn ir-rikorrenti illum m`ghandhomx dritt li unilateralment jinjoraw il-mod kif gie offert il-pagament li gie accettat minnhom bla ebda riserva u mhux in parte, u jippretendu li jistghu jimponu kundizzjonijiet u riservi li necessarjament huma inkonsistenti mal-offerta tal-pagament originali (vide f`dan ir-rigward "Raymond Bonnici noe vs. Horace Tonna" [Citazz. Nru. 1305/91, P/A, JSP] u "Francis Penza vs. John Mallia" [Citaz. Nru. 694/73, Appell deciza 6 ta` Mejju 1991] u "William Apap vs. Joseph Gasan et noe", [Appell 26 ta` Novembru 1986].*

[1] Mario Bondin, Julian Debono, Joseph Azzopardi, Carmelo Zammit, Gaetano Sammut, Carmel Delmar, Anthoy Farrugia, Francis Darmanin, Carmelo Zammit, Joseph Montebello, George Ciantar, Charles Grech, Joseph Formosa, George Arapa, Michael Azzopardi, Francis Cutajar, DavID NO. Muscat, Leone Muscat, Joseph Abela, Philip Cilia, Francis Camilleri, Joseph Muscat, Anthony Chircop, Anthony SaID NO. , Emanuel Fabri, Mario Spiteri, Philip Galea, Paul Falzon, Nazzareno Baldacchino, Joseph Cardona, Angelo Buttigieg, Anthony Magri, Carmelo Falzon, Vincent Azzopardi, Rennie Agius, Charles Micallef, Joseph Bigeni, George Agius, Gaetano Azzopardi, Philip Vassallo, Andrew Bartolo, Anthony Micallef, George Briffa, Carmelo Apap, Carmelo Galea, Joseph Zammit, Lawrence Micallef, Alfred Ellul, Carmelo Falzon, Anthony Gauci, George Debono, Sebastian Aquilina, Joseph Mifsud, George Spiteri, Joseph E. Abela, GuID NO. o Chircop, Emanuel Grixti, Joseph Mifsud, Joseph Vella, Joseph Zammit, Anthony Muscat, Carmelo SaID NO. , Joseph Cini, John Cilia, Philip Fenech, Herman Bezzina, Carmelo Mifsud, Emanuel Grixti, TArcisio MAllia, Joseph Borg, George Cini, George Cardona

*2. Illi r-rikorrenti George Debono (I.D. 258348(M); George Cassar (I.D. 348350(M); Franco Fabri (I.D. 61756(M) ma jidhirx illi huma haddiema licenzjati tax-Xatt u ghalhekk m`ghandhomx interess guridiku f`din il-kawza.*

*3. Illi r-rikorrenti Antoine Abela (I.D. 333877(M); Keith Spiteri (I.D. 324282(M); Ivan Spiteri (I.D. 426678(M); Noel Borg (I.D. 6264(M) u Simone Scerri (I.D. 23879(M) ma kinux haddiema licenzjati tal-port fid-data tal-ftehim in kwistjoni u ghalhekk m`ghandhomx interess guridiku li jippromwovu din il-kawza.*

*4. Illi r-rikorrent Tony Felice (I.D. 253646(M), li kien haddiem licenzjat tax-Xatt, irtira mix-xoghol fit-2 ta` Marzu 2007, u ghalhekk fid-data tal-ftehim ma kienx ghadu haddiem licenzjat u b`hekk m`ghandux interess guridiku li jippromwovi din il-kawza.*

*5. Illi l-ewwel talba rikorrenti li jigi dikjarat null u bla effett il-ftehim in kwistjoni ffirmat fit-30 ta` Gunju 2007 ma tistax tintlaqa` peress illi l-imsemmi ftehim gie nkorporat f`ligi precizament l-Avviz Legali 226/2007 li dahal fis-sehh fl-1 ta` Lulju 2007, liema ligi mhijiex qed tigi attakkata fir-rikors odjern, u l-procedura idonea biex tigi attakkata ligi mhijiex ir-rikors odjern izda rikors Kostituzzjonali.*

*6. Illi l-Union eccipjenti mhijiex il-legittimu kontradittur ghall-ilmenti tar-rikorrenti u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi d-decizjonijiet dwar x`pagamenti jsiru u kif isiru ma jittiehdux minnha imma minn Kumitat nominat mill-Ministru a tenur tal-Avviz Legali 226/07.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati minnha u l-elenku ta` dokumenti li pprezentat mar-risposta guramentata.

Rat ir-risposta guramentata li pprezentat l-Awtorita` Marittima ta` Malta fid-<u>19 ta` Awwissu 2008</u>. Taqra hekk :–

***1. Illi preliminarjament ir-rikorrenti jridu jippruvaw l-interess guridiku taghhom.***

*1.1 Illi trid issir prova minn kull rikorrenti li huwa tassew haddiem tax-Xatt licenzjat u rikonoxxut taht ir-Regolamenti dwar il-Haddiema tal-Port, kif ukoll illi ghandu interess guridiku sabiex iressaq din il-kawza u li ta struzzjonijiet biex din il-kawza tigi intavolata f`ismu. Dan jinghad partikolarment fid-dawl tal-fatt illi whud mir-rikorrenti lanqas biss huma indentifikati b`isimhom (C.Grech u T.Mallia).*

***2. Illi preliminarjament ukoll l-intimata mhijiex il-legittima kontradittrici ghall-ilmenti tar-rikorrenti.***

*2.1 Illi r-rwol tal-esponenti huwa purament ta` amministrattrici fis-sens li hija tigbor, f`isem il-haddiema tal-port, il-pagamenti dovuti lill-istess haddiema u minnhom tiddepozita certi somom fil-Pension and Contingency Fund.*

*2.2 Illi l-pagamenti mill-Fond isiru wkoll mill-Awtorita` pero` d-decizjoni dwar x`pagamenti jsiru u kif se jsiru ma` tittehidx mill-Awtorita` nfisha imma (i) abbazi ta` Regolamenti maghmula mill-Ministru responsabbli mill-Portijiet u (ii) ai termini tar-Regolamenti dwar il-Haddiema tal-Port il-Fond ikun immexxi minn Kumitat nominat mill-Ministru li jkun responsabbli lejn il-Ministru ghat-temexxija tajba u b`mod xieraq tal-Fond.*

*2.3 Illi l-ftehim bejn l-intimati datat 30 ta` Gunju, 2007 jirrifletti l-pozizzjoni fil-ligi u sar fid-dawl tal-ligijiet u r-regolamenti, partikolarment ir-Regolament 47 tar-Regolamenti dwar il-Haddiema tal-Port (kif emendati skont l-Avviz Legali 226 tal-2007) li jghid :*

*47. (1) Il-Ministru jista` jawtorizza l-hlas mill-Fond ta` zieda ghall-gholi tal-hajja jew bonus jew ta` kull zieda ohra fil-pagi tal-haddiema tal-port b`dawk ir-rati u taht dawk il-kundizzjonijiet li huwa jista` minn zmien ghal zmien jippreskrivi.*

*(2) Id-disposizzjonijiet tas-subregolament (1) ghandhom jitqiesu li bdew isehhu fl-4 ta` April, 1973.*

*(3) Sabiex jikkwalifika biex jircievi xi hlas awtorizzat taht is-subregolament (1) dwar xi gurnata wahda partikolari, haddiem tal-port, ragel*

*jew mara, jista` jigi mitlub igib prova ghas-sodisfazzjon tal-Awtorita` li kien disponibbli ghax-xoghol f`dik il-gurnata.*

*2.4 Illi l-Awtorita` esponenti hija obbligata li ssegwi l-ligi u ghalhekk m`ghandhiex ghazla ohra hlief li ssegwi dak li jghidu r-Regolamenti dwar il-Haddiema tal-Port, u d-decizjonijiet mehuda mill-Ministru koncernat ai termini tar-Regolament 47(1) fuq citat.*

*2.5 Illi f`dan ir-rigward, l-esponenti tissottometti illi jekk din l-Onorabbli Qorti thoss li l-Awtorita` Marittima ta` Malta giet korrettement inkluza mal-intimati fis-sens li, stante li l-Awtorita` fizikament taghmel hlasijiet mill-Fond u bhala parti fil-ftehim tat-30 ta` Gunju, 2008 tista` tigi affettwata mill-eventwali decizjoni ta` din l-Onorabbli Qorti, l-esponenti xorta tissottometti li m`ghandhiex tbati l-ispejjez tal-proceduri.*

***3. Illi, fil-mertu, il-ftehim tat-30 ta` Gunju, 2007 m`ghandu xejn li jirrendih null jew annullabbli.***

*3.1 Illi fl-ewwel talba taghhom ir-rikorrenti qed jitolbu dikjarazzjoni fis-sens illi bil-ftehim tat-30 ta` Gunju, 2007 gew lezi d-drittijiet tar-rikorrenti u "konsegwentement dan il-ftehim ghandu jigi dikjarat null u bla effett".*

*3.2 Illi fil-premessi tar-rikors, l-esponenti jsostnu illi "gew kostretti li jaccettaw il-pattijiet u kundizzjonijiet stipulati f`dan il-ftehim". Dan jaghti x`jifhem illi r-rikorrenti qed jallegaw xi vizzju tal-kunsens li jirrendi l-ftehim null.*

*3.3 Illi ghalhekk jidher car illi r-rikorrenti la qeghdin jitolbu stharrig ta` ghemil amministrattiv ai termini tal-Artiklu 469A u lanqas qed jattakkaw xi avviz legali jew ligi, izda qeghdin jibbazaw it-talba taghhom fuq allegazzjoni ta` nullita ta` kuntratt. Fid-dawl ta` dan l-esponenti tissottometti illi r-rikorrrenti huma marbuta li jistradaw il-kawza fuq il-binarji stabbiliti mill-premessi u t-talba taghhom stess, u cjoe fuq il-kwestjoni dwar nullita` o meno tal-ftehim tat-30 ta` Gunju, 2008.*

*3.4 Illi minghajr pregudizzju ghal dan, l-esponenti tikkontesta bil-qawwa l-allegazzjoni ta` nullita` ghar-ragunijiet li gejjin :-*

- *ir-rikorrenti kienu rapprezentati fuq il-ftehim u fin-negozjati precedenti ghall-ftehim mill-Malta Dockers` Union li dehret "in representation of licenced port workers" bhala l-Union li kellha l-maggoranza tar-rapprezentanza tal-haddiema tax-Xatt. Ir-rikorrenti mkien ma jichdu li huma memebri ta` dan il-Union u li kienu minnha rapprezentati, Ghalhekk ma jistghux issa li "m`ghogobhomx" il-ftehim milhuq jattakkaw ftehim li sar mill-union f`isimhom.*

- *lanqas jistghu jghidu li gew kostretti jaccettaw il-ftehim meta l-interessi taghhom kienu rapprezentati minn union. Semmai jekk jidhrilhom li l-union mxiet hazin fil-konfront taghhom ghandhom ifittxu lill-union ghal danni mhux jattakkaw il-ftehim.*

- *ex admissis ir-rikorrenti accettaw hlas ex gratia ai termini tal-ftehim li qeghdin issa jattakkaw. Huma kellhom mija u ghoxrin jum mid-data tal-ftehim biex jaghmlu dan, u la f`dak il-perijodu u lanqas fil-mument tal-accettazzjoni tal-hlas, ma stqarrew li qed jilmentaw mill-ftehim jew li qed jaccettaw il-hlas under protest.*

- *multo magis isegwi li jekk ir-rikorrenti qed jallegaw li l-ftehim huwa null huma kellhom jirrifondu l-flus lilhom imhallas "indebito" qabel jew kontemporanjament mal-prezentata ta` dawn il-proceduri.*

***4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti m`ghandhomx id-drittijiet illi qed jippretendu.***

*4.1 Illi jigi rilevat illi l-ligi ma tispecifikax kemm ghandu jkun il-hlas tal-gholi tal-hajja ghall-haddiema tal-port, imma jhalli tali hlas fid-diskrezzjoni tal-Ministru koncernat.*

*4.2 Illi jigi ccarat illi qabel ma sar il-ftehim tat-30 ta` Gunju, 2007 ir-rikorrenti kienu gja rcevew cost of living allowance matul is-snin, u ghalhekk mhuwiex il-kaz li gew imcahhda minn tali allowance ghas-snin passati.*

*4.3 Illi s-somma li giet imhallsa lir-rikorrenti bhala lump sum payment ai termini tal-Artikolu 6.2 tal-ftehim giet ikkalkolata bi qbil bejn il-partijiet, inkluz il-Malta Dockers` Union. L-ammont tal-hlas jirrifletti diversi fatturi, fosthom is-snin li kull haddiem baqaghlu sal-eta` tal-pensjoni. Madanakollu, l-esponenti tirrileva illi tali somma tinzamm fl-intier taghha mill-haddiema tal-port koncernat anke f`kaz li l-impjieg taghhom jittermina*

*ferm qabel mistenni (nghidu ahna "boarding out")- dan huwa fattur li wkoll ghandu jittiehed in konsiderazzjoni.*

*4.4 Ir-rikorrenti jaghmlu referenza ghall-fatt illi l-ftehim moghti lilhom "huwa nieqes mill-Appedici A u B". Ghal kull bwon fini, l-eccipjenti tiddikjara illi l-Appendici ma tqassmux lill-haddiema tal-port ghaliex fihom informazzjoni rigward individwi, ai termini tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data, ma setghetx tigi rilaxxata. Pero` kull haddiem tal-port inghata l-informazzjoni li tikkoncernah.*

***5. Illi ghar-ragunijiet imsemmija l-fatti ddikjarati fir-rikors guramentat qed jigu kollha kkontestati u jehtieg li jigu ppruvati.***

***6. Salvi eccezzjonijiet ohra li jistghu jitressqu mill-intimata skont il-ligi.***

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati.

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta` Ottubru 2008 din il-Qorti **diversament presjeduta** halliet il-kawza ghall-provi tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta Malta Dockers Union u dwar it-tielet eccezzjoni tal-Awtorita` konvenuta.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentaw l-atturi fis-17 ta` Novembru 2008.

Semghet ix-xiehda ta` Francis Calleja fl-udjenzi tas-26 ta` Marzu 2009 u tas-27 ta` April 2009, u rat id-dokument li pprezenta dan ix-xhud.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta` Jannar 2010 fejn il-partijiet qablu li l-eccezzjonijiet dwar il-karenza ta` interess guridiku jigu decizi flimkien mal-mertu.

Semghet ix-xiehda tal-attur Carmelo Falzon fl-udjenzi tat-3 ta` Mejju 2010 u tal-14 ta` Ottubru 2010 u rat id-dokumenti li pprezenta x-xhud fl-ewwel udjenza.

Semghet ix-xiehda tal-attur Alfred Mizzi fl-udjenza tat-3 ta` Marzu 2011.

Semghet ix-xiehda ta` l-attur Mario Bondin fl-udjenzi tal-10 ta` Mejju 2011 u tat-13 ta` Gunju 2013, u rat id-dokument li pprezenta x-xhud fl-udjenza tal-ahhar.

Semghet ix-xiehda tal-attur George Falzon fl-udjenza tal-10 ta` Ottubru 2011 u rat id-dokument li pprezenta x-x-xhud.

Semghet ix-xiehda ta` Anglu Mallia, ta` Carmel Baldacchino, u tal-Perit Marc Bonello fl-udjenza tas-6 ta` Frar 2012.

Semghet ix-xiehda tal-Perit Censu Galea tat-22 ta` Ottubru 2012.

Semghet ix-xiehda ta` Joseph Saliba fl-udjenzi tat-22 ta` Ottubru 2012 u tat-13 ta` Gunju 2013.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentaw uhud mill-konvenuti fis-17 ta` Dicembru 2012.
Rat in-nota b`dokument li pprezentaw l-atturi fit-22 ta` Ottubru 2013.

Semghet ix-xiehda in kontroezami tal-attur Mario Bondin fl-udjenza tad-9 ta` Jannar 2014.

Rat id-dokument li pprezentat il-konvenuta Malta Dockers Union fl-udjenza tas-6 ta` Mejju 2014, u semghet ix-xiehda in kontroezami ta` l-atturi Alfred Mizzi u Carmelo Falzon fl-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda ta` Joseph Saliba fl-udjenza tat-30 ta` Ottubru 2014 u l-kontroezami tal-istess xhud fl-udjenza tat-22 ta` Jannar 2015.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-Av. Dr. Robert Vassallo.

Rat in-nota b`dokument li pprezentaw l-atturi fit-22 ta` Jannar 2015.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tat-8 ta` Ottubru 2015 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi

**Francis Calleja** – Senior Manager tal-Awtorita` ntimata nkarikat mill-haddiema tal-port – ipprezenta dokument li juri l-ismijiet tal-atturi. Hemm indikat ukoll jekk humiex effettivament *registered port workers.* Bil-ftehim kollettiv tat-30 ta` Gunju 2007 bejn il-haddiema tax-xatt, il-Gvern u l-MMA, huma hadu somma flus ghall-gholi tal-hajja relatata mas-snin li kien ghad fadlilhom sakemm jilhqu l-eta` ta` l-irtirar u cioe` 61 sena. Kollha hadu dawn il-flus hlief ghal haddiem wiehed - Edmond Galea li kellu n-numru tal-licenzja 916. Fil-lista ta` persuni li pprezenta, hemm ukoll xi persuni li kienu dahlu jahdmu bhala *port workers* wara li sar il-ftehim ; ghalhekk ma kinux eligibbli illi jiehdu dik is-somma.

Ix-xhud kien muri d-dokumenti a fol 27 sa fol 98. Huwa xehed li dawn huma d-dokumenti ufficjali dwar kif il-haddiema inghataw il-flus. Ighid illi George Cassar bil-karta ta` l-identita nru 348350M u Franco Fabri bil-karta ta` l-identita` nru 61756M mhumiex haddiema licenzjati tax-xatt. Ighid illi Antoine Abela bil-karta ta` l-idenita` nru 333877M, Keith Spiteri bil-karta ta` l-identita` nru 32482M, Ivan Spiteri bil-karta ta` l-identita` nru 426678M, u Simone Scerri bil-karta ta` l-identita` nru 23879M ma kinux haddiema licenzjati fid-data tal-ftehim mertu ta` din il-kawza. Isostni li Tony Felice bil-karta ta` l-identita` nru 23879M irtira mix-xoghol fit-2 ta` Marzu 2007, qabel il-ftehim ; skont il-ftehim, il-haddiem kellu jibqa` jahdem sa l-ahhar ta` Gunju.

Fil-**kontroezami**, Francis Calleja xehed illi George Debono huwa *port worker* u ghandu l-karta ta` l-identita` nru 259848M. Missier Antoine Abela, Keith Spiteri, Ivan Spiteri, u Simone Scerri kienu *registered port workers* precedentement. Joseph Vella bil-karta ta` l-identita` nru 48350G u Anthony Muscat bil-karta ta` l-identita` nru 813847M kienu impjegati fid-data meta sar il-ftehim. Emanuel Grixti bil-karta ta` l-identita` nru 696154M huwa *registered port worker*. Joseph Cini bil-karta ta` l-identita` nru 429249M kien ukoll haddiem tal-port. Emanuel Grixti bil-karta ta` l-identita` nru 696154M huwa registrat bhala haddiem tax-xatt ; hemm ukoll haddiem tax-xatt bl-isem ta` Leli Grixti bil-karta ta` l-identita` nru 852253M. Franco Fabri bil-karta ta` l-identita` nru 61756M mhuwiex haddiem tal-port.

**L-attur Carmelo Falzon** xehed illi huwa haddiem licenzjat tal-port u wiehed mill-haddiema li kien jaqa` taht il-*Port Workers Scheme.* Sar il-ftehim Dok A. Fit-30 ta` Gunju 2007 fin-Naxxar saret fejn is-*shop steward*, John Saliba, li kien president ta` l-*Malta Dockers` Union* beda jispjega l-kontenut tal-ftehim. Hadd mill-haddiema prezenti ma kellu abbozz tal-ftehim. Intqal lilhom illi jekk ma jaccettawx il-ftehim, kien hemm Lm 15,000 li ma kinux ser jinghataw. Il-ftehim kien iffirmat dakinhar stess. Wara skoprew li r-rata ta` 2% li kienet tithallas fuq ix-xoghol li jsir bil-gurnata (li bejn wiehed u iehor tammonta ghal Lm 360) ma kinux sejrin jibqghu jinghataw. Huwa spjega li kienu ghadhom ma hadu xejn lanqas il-Lm 15,000. Din ir-rata ta` 2% ma ssemmiet imken ; sabu li din ma kinitx baqghet tinghata wara xi xahrejn li sar il-ftehim. Il-haddiema kienu dejjem jiehdu din ir-rata ta` 2% izda minn dakinhar tal-ftehim, din waqfet tinghata. Dakinhar li kien qed jigi diskuss il-ftehim hadd ma qalilhom dwar il-waqfien.

Carmelo Falzon kompla jixhed illi dawn il-flus hargu minn fond privat mhux governattiv. Kien hemm zmien fejn il-Gvern kien qed isostni li l-fond kien governattiv izda l-Avukat Generali kien ta parir li l-fond kien privat. Ighid illi kull individwu li jahdem ix-xatt kellu jigi trattat ugwali. Kull haddiema kellu jhallas l-istess. Qal illi l-haddiema ma hadux dak li haqqhom. Ir-regola kienet illi ulied persuni li jitilqu mix-xoghol, kienu jidhlu flok il-genitur u jiehdu bl-istess rata. Izda l-persuni li jmutu, uliedhom li jidhlu minflokhom gew diskriminati peress li dawn jibdew b`*zero rated cost of living.* Dwar dan, lilhom hadd ma kien spjegalhom xejn. Saru jafux wara li kien iffirmat il-ftehim.

Stqarr illi l-Appendici A u B li ssir referenza ghalihom fil-ftehim qatt ma kienu murija lilhom. Skont il-*Pensions and Contingency Fund,* il-*cost of living (COLA)* ma jinghatax. Insista li f`Jannar 2007, bdiet issehh il-ligi ta` l-iskaletta tal-65 sena. Fil-kaz illi jidhlu haddiema barranin, dawn kienu

sejrin jibbenefikaw daqs l-ohrajn minkejja li ma kienu hallsu l-ebda flus fil-fond. B`hekk gie li l-haddiema faddlu l-flus ghal haddiehor.

Fil-**kontroezami,** Carmelo Falzon ikkonferma li d-dokument a fol 146 jirrigwarda lilu u li fuq id-dokument tidher il-firma tieghu. Qabel iffirma huwa kien mar ha parir legali minghand l-Av. Aron Mifsud Bonnici. Il-parir tal-avukat kien li jiffirma peress li l-alternattiva kienet illi kien ikollu jipprezenta kawza biex jiehu l-Lm 15,000. Kellem ukoll lil Dottor Joseph Muscat li qallu li dik kienet bicca karta li ma tiswa xejn. Qal li ma jafx x`hini l-posizzjoni tal-amministrazzjoni prezenti ghalkemm talab li jkun jaf x`kienet. Ikkonferma li mar-riforma tal-2007 huwa thallas is-somma ta` Lm 14,723. Huwa kien ghadu ma rtirax mix-xoghol. Meta ffirma, huwa accetta l-kundizzjoni tal-Lm 15,000. Ighid illi haddiem jismu Mikiel u mlaqqam Tas-Sasla ghazel li jibqa` bis-sistema l-antika. Huwa ma kellux alternattiva ohra ghaliex li kieku ma ffirmax, kien ikollu jiftah kawza ohra peress li huwa kien ser jitlef il-flus. Ilmenta li ibnu huwa *zero rated* ghall-*cost of living.*

Mistoqsi ghalfejn ghazel li jaccetta is-sistema l-gdida jekk skont hu kien ser imur aghar, Carmelo Falzon sostna li huwa ma kellux triq ohra ghajr li jaccetta. Qal illi kien hemm min qabillu bis-sistema l-gdida izda lilu ma kienx jaqbillu. Sar kliem fis-sens li l-fond kien sejjer lejn falliment, u ghalhekk ma kellux alternattiva hlief li jiffirma. Qal illi fil-fond kien hemm mal-erba` miljuni liri Maltin. Il-Gvern Malti huwa garanti ghall-obbligi kollha tal-*pension and contingency fund.* Il-fond jitmexxa minn kumitat li mhuwiex parti fil-kawza. Il-kawza saret kontra l-Gvern peress li n-*negotation team* kien tal-Gvern. Insista li l-fond huwa tal-haddiema. Mistoqsi ghalfejn saret kawza kontra l-Gvern, jekk il-fond huwa tal-haddiema, huwa sostna li l-Ministru jamministra u japprova l-affarijiet relatati ma` l-fond.

Kompla xehed illi bil-kawza tal-lum huwa ried jikseb illi l-ftehim tal-2007 jithassar u jmur lura ghas-sitwazzjoni li kienet qabel l-2007. Huwa ghazel ir-riforma minhabba t-tifel tieghu li huwa wkoll haddiem tax-xatt. Ibnu dahal jahdem ix-xatt tlett snin qabel. Ibnu jismu Pierre Falzon mhuwiex parti fil-kawza.

Qal illi baqa` ma ha l-ebda risposta minghand il-Gvern. Huwa jirtira fl-2019. Bis-sistema l-antika, ibnu kien jidhol jahdem wara li jirtira hu. Bis-sistema l-gdida, ibnu beda jahdem fl-2011. Ghalhekk dahal jahdem seba` snin qabel. Madanakollu ibnu kien ibati zvantagg ghaliex il-*cost of living* tieghu kien ikkalkolat minn zero. Haddiehor li dahal flok missieru ha l-*cost of living* kif hallieh missieru li baqa` jizdied. Ibnu ma ha il-*cost of living* li ha

haddiehor li kien wiret ix-xoghol ta` missieru. Ibnu kellu jibda jiehu l-*cost of living* mill-bidu.

Qal illi ibnu ma kien ser isofri l-ebda hsara. Il-pozizzjoni ta` ibnu baqghet l-istess kemm meta ghazel is-sistema l-gdida u anke li kieku baqa` bis-sistema l-antika. Li gara kien li fis-sehem tieghu, huwa mar hazin. Huwa insista li bis-sistema l-antika, huwa kien imur ahjar izda huwa kellu jaghzel is-sistema l-gdida ghaliex inkella kien jitlef Lm 15,000. Sar jaf illi fl-2019 il-fond kien ser jispicca bi zbilanc ta` zewg miljun ewro.

**L-attur Mario Bondin** ighid li l-ftehim gie fil-pussess taghhom madwar sitt xhur wara li kien iffirmat. Kien ghad hemm affarijiet li baqghu mohbija sa llum. Ghalkemm kien ilu jpoggi flus fil-fond ghal tmienja u ghoxrin sena, ma kienx inghata informazzjoni dwar x`ser jiehu lura minn dawn il-flus. Illum irtira mix-xoghol. Hadd ma spjegalu x`ser jigri mil-licenzja ta` dawk il-persuni bhalu li ma ghandhomx tfal. Bir-riforma, tnehha d-dritt li kien hemm qabel fejn il-licenzja kienet tinghata lill-ahwa tal-licenzjat, jekk il-licenzjat ma jkollux tfal. Huwa ried rapport dwar x`kien diehel u hiereg mill-fond. Ipprezenta l-minuta tal-*Pensions and Contingency Fund* kif kienet tiffunzjona u kif ghadha tiffunzjona. Meta saret l-ewwel riforma fl-1997, kien hemm kwistjoni mal-bord tal-*Pensions and Contingency Fund Board* ghaliex ma bdewx jaqblu jekk il-flus jibdewx jittiehdu in konsiderazzjoni mill-1973 (ossija fiz-zmien meta twieled il-fond) jew inkella minn meta kien iffirmat il-ftehim. Dak iz-zmien huwa kien *shop stewart* u membru tal-bord tal-*Pension and Contingency Fund*. Meta kien staqsa lill-Av. George Abela x`jigri jekk jippruvaw jaqbzu lin-nies li ma kinux qed jaqblu maghhom, it-twegiba li kien inghata kienet li dawn kienu jifthulhom kawza u jirbhulhom.

Fil-**kontroezami**, Mario Bondin ikkonferma li wara li saret din il-kawza, numru ta` persuni li fethu l-kawza ma baqghux jahdmu bhala haddiema tax-xatt. Huwa stess kien lahaq irtira waqt li kienet ghaddejja l-kawza. Bil-kawza kien qed jigi attakkat il-ftehim tat-30 ta` Gunju 2007. Il-ftehim kien jikkoncerna kwistjonijiet ohra li ma jafx bihom. Il-flus tal-*Pensions and Contingency Fund* skont l-Ordinanza huma flus tal-haddiema tax-xatt. Il-*Malta Dockers Union* ma kenitx tirrapprezenta l-maggoranza tal-haddiema tax-xatt. Din il-union kienet iffirmat ftehim li ma kellhiex dritt tiffirma. Meta kien iffirmat il-ftehim, kien hemm ftit anqas minn erba` mitt haddiem tax-xatt mentri l-kawza tal-kawza saret minn mija u hamsin haddiem. Dawk li ma kkontestawx il-ftehim, kien jaqbel ghall-interessi taghhom ghax kienu ghadhom zghar.

Ikkonferma li huwa ffirma d-dokument a fol 27 tal-process. Ighid li kien imgieghel jiffirma d-dokument. Ighid li kien mhedded li ma jiehux is-somma ta` Lm 15,000. Ha diversi pariri minghand diversi avukati li tawh il-parir li dik kienet theddida ; u allura anke jekk jiffirma, il-ftehim ma kienx jorbot. Huwa fil-fatt ircieva s-somma ta` Lm 5,253 imsemmija fil-ftehim. Huwa ha wkoll is-somma ta` Lm 15,000 meta rtira bil-pensjoni. Ighid illi bil-kawza kien qed jitlob illi s-sitwazzjoni tmur lura ghal dak li kienet qabel l-2007. Huwa cahad li nghata l-ghazla li jew jibqa` bis-sistema l-antika jew inkella jiehu bis-sistema l-gdida. Huwa kellu jaghzel bilfors. Ghalih l-ittra a fol 254 kienet theddida. Is-somma ta` Lm 15,000 thallset ex gratis mill-fond. Haddiem wiehed biss ma hax is-somma ghaliex ghazel li jibqa` bis-sistema l-antika.

Qal illi kienu jithallsu flus fil-fond sabiex jaghmlu tajjeb ghall-haddiema tax-xatt fir-rigward ta` l-gholi tal-hajja. Meta l-Gvern kien jistabilixxi l-pagament ghall-gholi tal-hajja fil-Budget, il-haddiema tax-xatt ma kellhomx dritt ghalih peress li kienu jitqiesu bhala self employed. Wara l-ftehim tal-2007, is-somma ta` Lm 360 ma baqghux jircevuha. It-Lm 360 fis-sena kien hadhom f`daqqa fis-somma ta` Lm 5,000, liema somma kienet tirreferi ghall-gholi tal-hajja. Dak il-haddiema li baqa` ma ffirmax il-ftehim baqa` jiehu Lm 360 fis-sena.

Ighid li l-*Pension and Contingency Fund* huwa fond privat. Fil-fond jidhlu flus tal-haddiema tax-xatt u tal-Awortita`. Fl-1973 il-haddiema tax-xatt kienu jitfghu 10c minn kull tunnellata garr. Ir-rata imbaghad kompliet toghla sa 89c minn kull tunnellata. Wara r-riforma, ma thallsux aktar flus fil-fond. Qal illi jekk il-ftehim jithassar u l-Qorti tordnalu, huwa jirrifondi lura l-Lm 15,000, peress li fir-rigward tal-Lm 5,000, huwa ma ghandhux ghalfejn jirrifondihom ghax xorta wahda kien irid jehodhom b`rati ta` Lm 360 fis-sena. Jekk il-flus imorru lura fil-fond, huwa ma jippretendi xejn aktar.

**L-attur Alfred Mizzi** kkonferma d-deposizzjoni ta` Mario Bondin u ta` Carmelo Falzon.

Fil-**kontroezami**, Alfred Mizzi xehed illi huwa ma ffirmax xi dokument bhal dak a fol 110 tal-process. Meta rtira mix-xoghol huwa kien thallas Lm 15,000. Ma jafx jekk thallasx din is-somma in vista tal-ftehim li kien iffirmat. Ma jiftakarx jekk kienx nghata flus meta kien iffirmat il-ftehim. Lanqas jaf jekk dak iz-zmien tal-ftehim kienx inghata zewg ghazliet. Muri d-dokument a fol 489, huwa gharaf il-firma tieghu. Ighid illi ma jafx

x`kien hemm mitkub fid-dokument billi qal li ma jafx jaqra. Ma staqsiex qabel iffirma ghaliex kien qed jiffirma. Pero kkonferma li rcieva cheque ta` Lm 8,030 meta ffirma u Lm 15,000 meta spicca mix-xoghol.

**George Falzon** xehed illi kien haddiem tax-xatt. Spicca sena jew sena u nofs qabel dahlet ir-riforma. Wara li saret ir-riforma, ma ha xejn. Huwa dahhal lil ibnu f`postu. Ibnu ha postu xi xahrejn wara li saret ir-riforma. B`hekk ma ha xejn ghall-*cost of living.* Jaf li kien baghat ittra legali sabiex jinghata tal-gholi tal-hajja jew ihallulu ta` l-gholi tal-hajja kif kien. Huwa u ibnu ma hadu xejn.

**Anglu Mallia** xehed illi huwa kien ic-Chairman tal-*Pensions and Contingency Fund* tal-haddiema tax-xatt sakemm inbidlu r-regolamenti fl-2007. Tem mil-hatra tieghu fit-30 ta` Gunju 2007. Bhala Chairman ma kienx involut fir-riforma. L-iskop tal-fond kien illi johloq skemi u jaghmel *expenditure* favur il-haddiema tax-xatt. Kien hemm imposta fuq il-merkanzija b` dana illi din kienet tigi diretta gewwa dan il-*fund.* Ovvjament imbaghad kien ikun hemm interessi fuq l-investimenti li kienu jsiru mill-fond. Kien hemm kumitat li kellu l-kompitu li jaghmel rakkomandazzjonijiet lill-Ministru ; jekk jaccetta l-Ministru, kienu jithallsu pagamenti ta` *insurances* fuq sahha u hajja, *gratuity schemes,* kif ukoll pagamenti ta` *cost of living increases* lill-haddiema tax-xatt. Kien hemm anke *shares* fil-*fund.* Meta temm il-hatra tieghu, il-*fund* kellu kapital ta` madwar ghaxar miljun lira. Il-*fund* kien jigi *audited* mill-Awditur General. Ghalkemm il-kumitat ma kienx marbut li jinkarika lill-Awditur Generali, il-prassi dejjem kienet li jitqabbad propju l-Awditur Generali. Fisser illi t-Tezor ma kellux x`jaqsam ma`l-flus tal-fond. Kien ikun hemm bzonn ta` l-awtorizzazzjoni tal-Ministru fil-kaz li l-infieq jaqbez certu ammont ta` flus, li fil-bidu kien Lm 500, imbaghad tela` ghal *aggregate* ta` Lm 10,000. Fil-kaz ta` mewt ta` haddiem tax-xatt, kien hemm regoli dwar kemm l-eredi kienu intitolati jircievu. Il-*fund* ghadu hemm sal-lum.

**Carmel Baldacchino** xehed illi huwa kien il-Kaxxier tal-*Malta Dockers Union* bejn l-2006 u l-2010. Kien wiehed mill-firmatarji ta` l-ftehim in kwistjoni, u kien involut fin-negozjati mal-Gvern dwar ir-riforma. L-ghan principali tar-riforma kien li min-naha tal-Gvern jnaqqas it-tariffa tax-xoghol tal-portijiet biex b`hekk jigi jonqsu l-ispejjez. Fil-fond de quo qal illi jidhlu flus li jhallashom min igib ix-xoghol u ghalhekk, jekk jonqsu l-ispejjez, l-ispiza ghal min igib ix-xoghol tonqos ukoll. Il-ftehim kien konkluz u ffirmat f`Gunju 2007. Il-ftehim ighid car li min kien *port worker* fl-2007 kien jibbenefika mill-ftehim. Min kien haddiem tax-xatt izda spicca qabel il-firma tal-ftehim, ma kienx jibbenefika. Il-haddiema prezenti fl-iffirmar ta` l-ftehim

kienu jgawdu mill-beneficcju tal-*cost of living*. Dan il-beneficcju tnehha u hadu kumpens fil-forma ta` *lump sum*. Id-decizjoni sabiex il-flus jintuzaw ghar-riforma ttiehdet mill-kumitat tal-*Malta Dockers Union*. Il-kumitat tal-*Pensions and Contingency Fund* ma kienx involut fid-decizjoni.

**<u>Perit Dr Marc Bonello</u>** - Chairman tal-Awtorita` Marittima ta` Malta bejn l-1 ta` April 2000 u l-24 ta` April 2008 – xehed illi huwa kien firmatarju tal-ftehim tat-30 ta` Gunju 2007. Il-flus tal-fond kienu ntuzaw ghar-riforma sabiex jorhsu t-tariffi ta` l-esportazzjoni u ta` l-importazzjoni tal-merkanzija fil-portijiet Maltin. Il-fond baqa` vigenti billi li kien ghad hemm il-flus fih.

**<u>L-Onor Perit Censu Galea</u>** xehed illi sal-2007 kien Ministru tal-Kompetittivita` u Komunikazzjoni. Il-Ministeru tieghu kien jikkomprendi l-haddiema tax-xatt. Ikkonferma l-kontenut tad-Dok A li kien ezebit mar-rikors guramentat. Qal illi l-*pension and contingency fund* li kien jitmexxa minn kumitat apposta. Ma ftakarx kemm kien hemm flus fil-fond izda si trattava ta` miljuni ta` liri. Parti mill-flus intuzaw ghall-ftehim ta` r-riforma. In-negozjati kienu fit-tul hafna. Kien hemm distinzjoni bejn dawk li kienu haddiema tax-xatt u baqghu hekk, u dawk li kienu haddiema tax-Xatt pero` rtiraw mix-xoghol. Kien hemm hafna kumplikazzjonijiet minhabba *claims* li kien hemm. Il-kumitat tat-tmexxija tal-*Pensions and Contingency Fund* kien ta parir illi dawk li kienu ghadhom haddiema tax-xatt jibqghalhom id-drittijiet li kellhom, pero` dawk li kienu diga` rtiraw ma jkollhomx *claim*. Id-decizjoni qaghdu fuqha ghaliex kienet decizjoni tal-*Pension & Contingency Fund* konfortata minn parir legali. Il-*cut off date* kellha tkun id-data tal-ftehim.

Stqarr illi d-decizjoni dwar kif kellha tigi kkalkolata l-*cost of living* ttiehdet wara diskussjonijiet bejn l-union tal-haddiema u l-Gvern rapprezentat in parti minnu u f` xi laqghat mill-Prim Ministru. Id-decizjonijiet li ttiehdu kienu gew diskussi l-ewwel mal-GWU u wara mal-Malta Dockers Union. Waqt id-diskussjonijiet, il-GWU ma baqghetx tirrapprezenta l-maggoranza tal-haddiema ; il-maggoranza bdew jigu rapprezentati mill-Malta Dockers Union. Ghalhekk id-diskussjonijiet komplew mal-Malta Dockers Union. Jekk jiftakar sew, kienet saret laqgha mal-GWU fejn dawn ukoll kienu ddikjaraw li fl-opinjoni taghhom ma hemmx dritt ghal dawk il-haddiema tax-xatt li kienu rtiraw. Il-kwistjoni tal-COLA qamet lejn l-ahhar tad-diskussjonijiet mal-Malta Dockers Union.

**Joseph Saliba** - President tal-Malta Dockers Union xehed illi l-kumitat ezekuttiv tal-GWU li kien qed jiddiskuti r-riforma tal-haddiema tax-Xatt, u l-kumitat ezekuttiv tal-Malta Dockers Union kienu komposti mill-istess seba` persuni. Kienu gew ikkalkolati s-snin li kien fadal bejn il-haddiema kollha, u nhadmet in-net present value tas-somma li kienu ser jiehdu. Min kien fadallu ghaxar snin, kellu jiehu l-*cost of living* ghal ghaxar snin ; u skont il-ftehim, din kienet ser tittiehed bil-quddiem. Id-decizjoni ttiehdet mill-union u l-Gvern. Kull kull min kien jidhol jahdem bhala haddiem tax-xatt, kien jiehu l-*cost of living allowance* retroattivament mill-1973. Ghalhekk id-dhul tal-fond ma kienx ser jibda jlahhaq mal-hrug ghax id-dhul tal-fond huwa fuq l-importazzjoni lokali biss li huwa kemmxejn stabbli. Il-Gvern ried li dawk il-haddiema l-godda li kienu sejrin jidhlu wara l-2007 kellhom jibdew minn zero rate tal-cost of living. Qabel l-2007, il-Gvern ma kienx garanti tal-fond, izda bir-riforma, il-Gvern dahal garanti ghall-fond ukoll.

Kompla fisser illi l-fond illum kellu €14 –il miljun. Il-*cost of living allowance* tittiehed mill-haddiem anke meta jkun hemm gurnata li ma jkunx hadem ghax ma jkunx hemm vapuri. Meta haddiem ikun bil-leave, ma jihux COLA. Il-fond ma kienx ser ikun aktar sostenibbli ghall-*cost of living allowance ;* minnu kienu hargu Lm 7.4 miljuni. Ma kienx ser jibqa` sostenibbli ghaliex peress li l-*cost of living allowance* kienet dejjem toghla kull sena. Il-Gvern ried isib mezz kif jisfaxxa dan il-fond billi dan jibqa` ghal dawk li kienu hemm bil-licenzja filwaqt li l-haddiema l-godda ma jkollhomx x`jaqsmu mal-fond. Min-naha taghhom huma ma ridux li l-fond jispicca u ghalhekk intlahaq ftehim mal-Gvern izda l-haddiema l-godda kellhom jibdew b`COLA zero rated.

Stqarr illi kull min kien prezenti fuq il-ftehim u kellu licenzja ta` haddiema tax-xatt, kien biegh l-obbligu li kellu l-fond. Il-fond hallas ghal kull sena li kien fadal servizz sa 61 sena. Il-levy naqqset biex issir ir-riforma billi l-ghan tar-riforma kien li jonqsu t-tariffi tas-servizz tal-port. Kull haddiema tax-xatt li beda jahdem wara l-2007 beda jiehu COLA minn dik is-sena mhux retroattivament mill-1973 kif kien isir qabel. Il-haddiema li kienu licenzjati sat-30 ta` Gunju 2007 hadu Lm 7.4 miljun bejniethom sa l-eta ta` 61. Il-haddiema tax-xatt thallsu *lump sum* tal-COLA akkumulata.

Qal illi waqt il-laqghat, huma kienu fehmu lill-haddiema dwar il-beneficcji ta` r-riforma. Il-ftehim kien approvat b`maggoranza kbira. Il-ftehim intwera lill-haddiema waqt il-laqghat, u kienet anke saret presentation bil-power-point. Biex sar il-ftehim tat-30 ta` Gunju 2007, kienu ilhom ghaddejjin trattativi minn erba` snin qabel. Il-Malta Dockers Union kellha l-maggoranza

tal-haddiema tax-xatt bhala membri taghha, hlief ghal xi sitta minn nies. Il-haddiem tax-xatt kellu dritt right fis-sens li l-iben jidhol minflok missieru ; illum m`ghandux hekk. Dak id-dritt baqa` jghodd biss ghal dawk il-haddiema tal-port li kienu bil-licenzja fid-data qabel Malta dahlet fl-UE.

Sostna li l-Gvern ried izarma l-fond izda l-haddiema ma ridux. Kien ghalhekk illi huma bieghu l-liability li kellu maghhom, hadu dawk is-Lm 7.4 miljuni u gew bhal haddiema godda ossija bdew mit-2007 biex kulhadd ikun l-istess. Il-fond ghadu hemm sa llum. Il-fond huwa regolat mill-Gvern u jitmexxa minn bord mahtur mill-Ministru. Dwar is-somma ta` Lm 15,000 li thallset, dik kienet decizjoni li fiha kien imdahhal il-Gvern. Il-bord tal-*Pensions and Contingency Fund* jirrakkomanda lill-Ministru izda finalment jiddeciedi l-Ministru.

Mistoqsi dwar is-sitwazzjoni ta` George Falzon u r-raguni ghalfejn dan ma ha xejn, Joseph Saliba spjega li dan George Falzon kien spicca minn haddiem tax-xatt qabel l-2007. Ibnu ma kellux x` jaqsam peress li kellu 14-il sena bil-konsegwenza li dahal wara l-2007. Missieru ma kellux COLA xi jbiegh u ghalhekk ma setax jiehu flus. Meta l-iben dahal wara 2007, ghalhekk dahal bil-COLA zero rated minn dik is-sena. Dawk il-haddiema li dahlu ftit qabel it-30 ta` Gunju 2007, hadu l-hlas sa 61.

Joseph Saliba spjega li l-atturi setghu jew jibqghu kif kienu qabel l-2007, jigifieri jibqghu jiehdu l-COLA bir-rata ta` 2% kull xahar jew inkella jiehdu s-somma offruta. Fisser illi min dahal jahdem bhala haddiem tax-xatt wara l-1973, beda jakkumula l-COLA sal-2006 b`effett mill-1973. Il-Gvern ried li l-fond jispicca. Min-naha taghha, il-Union insistiet li l-fond jibqa`. Il-Gvern insista dwar il-COLA li min jidhol jahdem jibda jiehu COLA mis-sena li jidhol jahdem `il quddiem mhux b`lura sal-1973. L-aggustament kien mehtieg ghaliex il-COLA kienet ser tibqa` tiela` u kienet ser taqbez id-dhul li kien hemm fil-fond. Inqalghet problema peress li kien hemm haddiema li kienu ser jibqghu jiehdu l-COLA ta` Lm 237 plus il-COLA ta` kull sena, u haddiema godda li ha jibdew minn zero, kienu se jiehdu ftit. Ghalhekk, saret proposta lill-Gvern sabiex il-fond jixtri l-liability ta` l-COLA minghand il-haddiema li kienu qed jahdmu. Billi ma setghux jaghtu lil kulhadd indaqs, inhadem in-net present value ta` dik is-sena u gie kkalkolat kemm fadal zmien biex jirtira l-haddiem sa 61 sena. L-ghazla baqghet ghall-haddiem li jibqa` mas-sistema l-antika. Il-Gvern ried ukoll inehhi it-2% fuq il-paga mill-fond li kienet tithallas, u offra li mal-irtirar jithallsu Lm 15,000. Min jibqa` bis-sistema l-antika ma kienx jiehu l-Lm 15,000 ghaliex kien jibqa` jiehu t-2% sena sena. Il-persuna li ghamlu l-kawza tal-lum ghazlu kollha s-sistema l-gdida.

Fil-**kontroezami** ix-xhud spjega li n-negozjati kienu jsiru man-*negotiating team* li kien imqabbad mill-Gvern ; dan it-tim kien jikkonsisti mill-Perit Mark Bonello, Sonny Portelli u Louis Cilia. Meta kienet kostitwita l-Malta Dockers Union, li tirrapprezenta 98% tal-haddiema tax-xatt, Av. George Abela kien ilmenta li ma kienx qed isir progress. Ghalhekk il-Gvern iddecieda li n-negozjati jitkomplew ma` l-Ministru Austin Gatt u ma` Mark Portelli Chairman ta` Transport Malta.

Qal illi saru laqghat mal-haddiema xatt dwar ir-riforma. Huwa insista li kien imfisser lill-haddiema li kellhom l-ghazla. Id-direzzjoni li tat il-union kienet sabiex il-haddiema jaghzlu s-sistema l-gdida ; fl-istess waqt halliethom liberi li jaghzlu, tant li haddiem wiehed li baqa` bis-sistema l-antika.

**Av. Dr. Robert Vassallo** – Legislation & Compliance Manager – Direttorat tal-Portijiet – Transport Malta – xehed li l-haddiema tal-port, u l-legislazzjoni li tirregolahom jaqghu fil-kompetenza tad-direttorat tal-portijiet. Il-legislazzjoni hija l-Ordinanza dwar il-Haddiema tal-Port (Kap 171) u regolamenti li saru bis-sahha taghha. Skont l-Art 16(2) ta` l-Ordinanza u r-Regolament 31 tar-Regolamenti dwar il-Haddiema tal-Port, sar il-*Pensions and Contingency Fund* li jiehu hsieb il-hlas ta` pensjonijiet jew gratifikazzjonijiet jew xort` ohra ta` beneficcju lill-haddiema tal-port, kif ukoll hlasijiet ohra li jistghu jigu awtorizzati mill-Ministru minn zmien ghal zmien. Ir-Regolamenti jistabilixxu bic-car illi t-tmexxija ta` l-fond issir minn kumitat mahtur mill-Ministru u kompost minn Chairman, zewg rapprezentanti tal-Awtorita`, zewg rapprezentanti tal-haddiema tal-port, u segretarju minghajr vot. Skont ir-Regolamenti, il-kumitat huwa responsabbli lejn il-Ministru biss ghat-tmexxija tajba u xierqa ta` l-fond. Il-kumitat ghandu l-poteri u r-responsabilita` li jadotta strategija ta` investiment dwar il-fond, jaghmel rakkomandazzjonijiet lill-Ministru, jaghmel spejjez u hlasijiet, japprova hlasijiet ta` beneficcju, iqabbad awditur sabiex jezamina l-kotba tal-fond u attwarju indipendenti sabiex jaghmel revizjoni tal-kontribuzzjonijiet ghall-fond.

Izid ighid illi l-kumitat huwa wkoll marbut fuq l-ammont tal-ispejjez li jista` jaghmel. Kull sena jrid jabbozza rapport u jghaddih lil Ministru dwar fuq it-tranzazzjonijiet kollha li jkunu saru u l-beneficcji kollha li jkunu thallsu matul is-sena ta` qabel. L-unika rwol li ghandha l-Awtorita` fit-tmexxija tal-fond u fid-decizjonijiet li jittiehdu huwa limitat ghar-rapprezentanza taghha fuq il-kumitat tat-tmexxija. Sa mit-28 ta` Marzu 2014, huwa wiehed mir-rapprezentanti tal-Awtorita` fuq il-kumitat. Dan

apparti l-Awtorita` tramite d-Direttorat tal-Portijiet u Yachting ghandha wkoll rwol limitat rigward l-operat ta` l-fond, fejn tigbor kontribuzzjonijiet imnizzla fis-Seba` Skeda tar-Regolament minghand il-haddiema tal-port. L-Awtorita` mbaghad tqieghed fil-fond dawn il-kontribuzzjonijiet kif ukoll kull flejjes li jistghu jigu mghoddija lilha sabiex jitqeghdu fil-fond. L-Awtorita` taghmel dawk il-hlsaijiet mill-fond li jkunu kkomunikati lilha mill-kumitat, u ghal dan il-ghan, izzomm kotba tal-kontijiet approvati mill-kumitat u tibghat lill-kumitat prospetti ta` kontijiet kull xahar fil-forma li l-kumitat jidhrilu xieraq. Finalment l-Awtorita` tiehu dawk il-passi kollha necessarji sabiex izzid il-livell ta` kontribuzzjonijiet bil-ghan li tigi zgurata l-adegwatezza tal-fond jekk kemm-il darba l-attwarju indipendenti jistabilixxi li l-kontribuzzjonijiet ma jkunux bizzejjed biex dawn jikkonformaw ma` l-obbligi futuri matul il-perijodu ta` ghaxar snin successivi.

## III. <u>Legittimita` tal-persuna</u>

### 1) <u>Is-sitt (6) eccezzjoni tal-konvenuta Malta Dockers Union</u>

Il-Malta Dockers Union eccepiet illi mhijiex il-legittimu kontradittur tal-atturi, u ghandha ghalhekk tkun liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi d-decizjonijiet dwar x`pagamenti jsiru u kif isiru ma jittiehdux minnha imma minn Kumitat nominat mill-Ministru a tenur tal-Avviz Legali 226/07.

Jirrizulta illi l-pern ta` l-azzjoni hija t-talba sabiex il-ftehim tat-30 ta` Gunju 2007 jigi dikjarat null u bla effett billi qed jigi allegat illi dak il-ftehim jippregudika d-drittijiet tal-atturi rikorrenti.

Jirrizulta li l-ftehim tat-30 ta` Gunju 2007 (ara fol 5 et seq tal-process) kien iffirmat mill-Ministru Censu Galea bhala Ministru ghall-Kompetittivita` u Kommunikazzjoni li kien qed jidher ghan-nom tal-Gvern ta` Malta ; mic-Chairman tal-Awtorita` Marittima ta` Malta Dr Marc Bonello ghan-nom ta` l-itess Awtorita` Marittima ; u minn Joseph Saliba u Carmel Baldacchino rispettivament President u Tezorier Carmel Baldacchino tal-Malta Dockers Union in rapprezentanza tal-istess, u din bhala rapprezentant tal-haddiema licenzjati tax-xatt.

Ladarba l-kawza qeghda tattakka l-validita` tal-ftehim, l-atturi kellhom jintavolaw il-kawza kontra l-firmatarji kollha ta` l-ftehim.

Fl-occhio tal-kawza, fejn jirrigwarda l-Malta Dockers Union, l-atturi harrku lill-President u lit-Tezorier bla ma indikawhom b`isimhom. Il-Qorti trid tirrileva illi l-mod kif gew imharrka mhuwiex felici. Li kieku l-Qorti kellha tkun stretta, setghet tqis illi l-President u t-Tezorier kienu qeghdin jitharrku personalment. Fil-verita` u b`fedelta` lejn l-atti processwali, huwa evidenti li l-President u t-Tezorier kienu qeghdin jitharrku in rapprezentanza tal-Malta Dockers Union. Infatti jirrizulta illi meta ffirmaw il-ftehim tat-30 ta` Gunju 2007, il-President u t-Tezorier kienu qeghdin jidhru "*in representation of the Malta Dockers Union which Union appears heron in representation of licensed port workers"*. Il-mod infelici kif tharrket il-union kienet **<u>indirizzata u rimedjata</u>** mill-Malta Dockers Union stess meta pprezentat ir-risposta guramentata f`isimha evidentement ghaliex kienet qeghda tifhem li l-President u t-Tezorier ma kienux imharrka de proprio izda bhala rapprezentanti taghha. Ghall-mankanza tal-atturi, ghandu jigi applikat il-principju ta` *jus superveniens.* Fis-sentenza ta` din il-Qorti tat-23 ta` Novembru 1984 fil-kawza "**<u>Guido Laferla noe et vs Dottor Vincent Falzon et</u>**" kien spjegat li d-dottrina ta` *jus superveniens* tigi applikata mill-Qrati taghna anke meta d-difett inizjali jigi ssanat bis-soprevenjenza tad-dritt wara l-eccezzjoni, sahansitra meta l-kawza tkun fl-istadju ta` l-appell. Kienet iccitata s-sentenza fil-kawza "**<u>Cardona vs Bonnici et</u>**" li kienet deciza mill-Qorti ta` l-Appell fit-30 ta` Gunju 1947 (Kollez Vol. XXXIII-I-195) fejn hemm l-attrici kienet istitwiet il-kawza bla awtorizzazzjoni u kunsens ta` zewgha u ghalhekk ma kinitx persuna legittima biex tmexxi `l quddiem l-kawza u kwindi l-ewwel Qorti kienet illiberat lill-konvenuti *ab observantia judicii* ; il-Qorti ta` l-Appell laqghet l-appell ta` l-attrici in vista ta` l-awtorizzazzjoni li kienet giebet mill-Qorti kompetenti wara l-ewwel sentenza, a bazi ta` *jus superveniens.*

**In kwantu ghall-eccezzjoni *ut sic*, il-Qorti tqis illi Malta Dockers Union hija legittima kontradittur ladarba qeghda tintalab l-impunjazzjoni tal-ftehim li tieghu kienet firmatarja permezz tal-ufficjali taghha.**

In kwantu ghall-**<u>motivazzjoni</u>** wara l-eccezzjoni, il-Qorti tqis is-sostenibbilita` ta` dik il-motivazzjoni meta tkun qeghda tittratta l-mertu.

**2) <u>L-ewwel (1) eccezzjoni tal-konvenuti Prim` Ministru u Avukat Generali</u>**

Il-Prim Ministru u l-Avukat Generali **wkoll** eccepew li mhumiex il-legittimi kontradditturi tal-atturi u ghalhekk talbu li jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

**L-Art 181B tal-Kap 12** ighid :-

*1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijietġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni :*

*Iżda, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu :*

*(a) kawżi għall-ġbir ta` ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f`kull każ isiru mill-Accountant General ;*

*(b) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta` servizz mal-Gvern jistgħu f`kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni ;*
*(ċ) kawżi dwar kuntratti ta` provvista jew ta` appalt mal-Gvern jistgħu f`kull każ isiru mid-Direttur tal-Kuntratti.*

*(2) L-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f`dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.*

*(3) Kull rikors, ġuramentat jew le, jew att ġudizzjarju ieħor magħmul kontra l-Gvern għandu jiġi notifikat lil kull kap ta` dipartiment tal-gvern li kontra tiegħu jkun dirett u lill-Avukat Ġenerali u kull terminu biex issir risposta dwar att bħal dak minn kull kap ta` dipartiment tal-gvern li jkun konvenut jew intimat fi proċeduri ġudizzjarji ma jibdiex jiddekorri qabel ma l-att jiġi notifikat lill-kap jew kapijiet ta` dipartimenti tal-gvern li kontra tagħhom ikun dirett u lill-Avukat Ġenerali. In-notifika lill-Avukat Ġenerali ssir bla ħlas lir-reġistratur.*

Mill-eccezzjoni huwa eskluz il-Ministru tal-Kompettivita` u Komunikazzjoni billi kien firmatarju tal-ftehim de quo, apparti li kien involut fin-negozjati permezz ta` tim ta` negozjaturi mahtura minnu.

Ghalkemm il-Ministru ffirma l-ftehim ghan-nom tal-Gvern dak ma jfissirx li ghall-fini ta` din il-kawza il-Gvern ma baqax rapprezentat mill-Ministru izda kellu jkun rapprezentat mill-Prim Ministru u mill-Avukat

Generali. Ghalhekk il-Prim` Ministru u l-Avukat Generali ma hemmx ikun mharrka fil-procediment tal-lum ghaliex mhumiex legittimi kontraditturi.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda tillibera lill-Prim Ministru u lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju.**

**3) <u>It-tieni (2) eccezzjoni tal-Awtorita` konvenuta</u>**

Ic-Chairman ta` l-Awtorita` Marittima ta` Malta (illum l-Awtorita` Ghat-Trasport f`Malta) ukoll eccepixxa li l-Awtorita` ntimata mhijiex il-legittima kontradittur ghall-ilmenti tal-atturi.

Ghalkemm il-Qorti tifhem li l-involviment tal-Awtorita` fil-kwistjoni mertu ta` din il-kawza huwa dak ta` amministratur fis-sens li hija tigbor hlasijiet u tiddepozita flus fil-*Pensions and Contingency Fund* il-Qorti tqis wkoll illi l-Awtorita` ntimata hija legittima kontradittur ladarba qeghda tintalab l-impunjazzjoni tal-ftehim li tieghu l-Awtorita` precedenti u cioe` l-Awtorita` Marittima ta` Malta kienet firmatarja permezz tac-Chairman taghha, apparti li kienet partecipi fin-negozjati li wasslu ghar-riforma tal-portijiet.

**<u>Ghalhekk qeghda tichad it-tieni (2) eccezzjoni tal-Awtorita` konvenuta</u>**.

**IV. <u>Il-hames (5) eccezzjoni tal-konvenuta Malta Dockers Union</u>**

**<u>Fl-ewwel domanda</u>, l-atturi qeghdin jitolbu mill-Qorti dikjarazzjoni illi in forza tal-ftehim tat-30 ta` Gunju 2007 li ffirmaw il-konvenuti bejniethom kienu lezi u ppregudikati d-drittijiet taghhom u kwindi l-Qorti ghandha tiddikjara l-ftehim null u bla effett.**

L-atturi mhux jitolbu lill-Qorti sabiex tistharreg ghemil amministrattiv skond l-Art 469A tal-Kap 12.

Lanqas ma huma l-atturi jittentaw illi jimpunjaw xi ligi.

**Fid-difiza taghha, Malta Dockers Union tghid illi t-talba attrici hija legalment insostenibbli billi l-ftehim de quo kien inkorporat fl-Avviz Legali 226 tal-2007 li dahal fis-sehh fl-1 ta` Lulju 2007.**

Huwa minnu li fid-data tal-prezentata tal-kawza tal-lum, il-ftehim de quo kien diga` nkorporat f`ligi. Madankollu l-fatt li l-atturi mhux jitolbu li tigi investigata l-validita` tal-Avviz Legali 226 tal-2007 ma jirrendix l-ewwel talba bhala legalment insostenibbli b`mod li l-Qorti ma tistax taghtiha konsiderazzjoni. Fil-kaz tal-lum, il-Qorti qeghda tintalab tippronunzja ruhha dwar in-nullita` o meno tal-ftehim. Huwa minnu li fil-kaz illi tintlaqa` l-ewwel talba, l-atturi xorta wahda se jsibu ruhhom rinfaccjati bl-Avviz Legali 226 tal-2007 izda f`dik l-eventwalita` mhux se jkunu prekluzi milli jipprocedu fil-fora gudizzjarji opportuni opportuni sabiex jigi determinat ghandhomx jibqghu japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Avviz Legali 226 tal-2007.

Aktar milli fil-konfront tal-ewwel talba, id-difiza tal-union konvenuta aktar taghmel sens fir-rigward tat-tieni u tat-tielet talbiet ghaliex li kieku kellha tilqa` l-ewwel talba, il-Qorti tkun certament prekluza milli tiddikjara dak li ghandhom jircievu l-atturi in vista ta` dak li jghid l-Avviz Legali 226 tal-2007 li ghandhom jippercepixxu l-atturi.

**Billi l-eccezzjoni tal-Malta Dockers Union qeghda tinvesti l-ewwel talba biss, l-eccezzjoni qeghda tkun respinta.**

## V. <u>L-ewwel (1) eccezzjoni tal-konvenuta Malta Dockers Union</u>

Malta Dockers Union eccepiet illi t-talbiet **<u>kollha</u>** attrici huma nfondati peress li tghid li l-atturi ddikjaraw b`mod univoku u indubitabbli illi l-pagament offert gie accettat minnhom u ddikjaraw kull wiehed minnhom rispettivament li jinsabu sodisfatti u m`ghandhom l-ebda pretensjoni. Tghid illi l-atturi m`ghandhomx dritt li unilateralment jinjoraw il-mod kif kien offrut il-pagament li gie accettat minnhom bla ebda riserva u mhux *in parte*, u ma jistghux jippretendu li jistghu jimponu kundizzjonijiet u riservi li necessarjament huma inkonsistenti mal-offerta tal-pagament originali.

Il-union konvenuta sostniet l-eccezzjoni bil-presentata ta` 72 skrittura (immarkati minn Dok X1 sa Dok X72 a fol 27 sa 98). Dawn l-iskritturi

jirrapprezentaw dikjarazzjonijiet li gew iffirmati individwalment mill-maggoranza tal-atturi. Kopja ta` dawn id-dikjarazzjonijiet rega` kienet ipprezentataa bhala Dok C a fol 111 sa 182 tal-process.

Minn ezami ta` d-dikjarazzjonijiet a fol 111 sa 182, kif ukoll dawk a fol 27 sa 98, jidher li l-atturi kollha **hlief** ghal Antoine Abela (I.D. 333877M) ; Keith Spiteri (I.D. 324282M) ; Ivan Spiteri (I.D. 426678M) ; Anthony sive Tony Felice (I.D. 253646M) ; Simone Scerri (I.D. 23870M) ; u Emanuel sive Noel Borg (I.D. 6264M) iffirmaw id-dikjarazzjonijiet f`dati differenti.

Dwar il-persuni li ma rrizultax jekk iffirmawx id-dikjarazzjoni u jekk ghandhomx l-interess guridiku necessarju sabiex jipprocedu b` din il-kawza, il-Qorti sejra tittratta dan il-punt aktar `il quddiem.

Madankollu ghandu jinghad li Emanuel sive Noel Borg (I.D. 6264M) irrizulta li kien iffirma dikjarazzjoni bhal dawk li ezebiti a fol 27 sa 98 tal-process. Infatti mil-lista ezebita a fol 187 et seq mir-rapprezentant ta` l-Awtorita` konvenuta irrizulta li dan Borg iffirma din id-dikjarazzjoni fil-25 ta` Lulju 2007. Din ix-xiehda mhijiex kontradetta. *Per di piu`* giet ikkonfermata stante li dawk mill-atturi li xehdu kkonfermaw li kien biss persuna wahda biss imlaqqam *Is-Sassla* li ma kienx iffirma d-dikjarazzjoni propju ghaliex ma riedx ighaddi ghas-sistema riformata u ghazel li jibqa` taht is-sistema kif kienet qabel ir-riforma.

Bid-dikjarazzjonijiet individwali, kull dikjarant **irrinunzja** ghad-dritt li jircievi mill-*Pensions and Contingency Fund* tal-haddiema tax-xatt il-valur tal-*cost of living allowance* li kien qed jircievi sad-data tat-30 ta` Gunju 2007. In kontrokambju, kull dikjarant accetta li jircievi somma determinata ghal darba wahda biss bhala hlas *ex gratia* fl-ammont ta` Lm 15,000 percepibbli mad-data ta` l-irtirar mix-xoghol bl-eta` jew mid-data li d-dikjarant ikun certifikat minn bord mediku li mhux tajjeb ghax-xoghol basta li dak id-dikjarant ikun ilu aktar minn ghaxar (10) snin licenzjat bhala haddiem tax-xatt u somma ohra ta` Lm 1.75c fil-gimgha bhala *cost of living allowance* somma li minn Jannar 2008 `il quddiem kellha toghla kull sena skont kif jithabbar mill-Gvern. L-iskrittura tghid ukoll illi d-dikjarant jinsab sodisfatt u ma ghandu l-ebda pretensjonijiet ohra.

Jirrizulta ppruvat illi l-ftehim tat-30 ta` Gunju 2007 tressaq lill-haddiema tal-port, li wiehed wiehed, ikkonfermaw bil-miktub jekk kinux qeghdin jintrabtu bil-ftehim li kien qieghed jintroduci ghazla ta` hlas

differenti mis-sistema precedenti jew xtaqux li jibqghu taht is-sistema precedenti.

Issa fil-kawza tal-lum ghalkemm qeghda tigi attakkata mill-atturi l-validita` tal-ftehim kollu tat-30 ta` Gunju 2007 tant li qeghdin jitolbu dikjarazzjoni ta` nullita` u bla effett tal-istess, fil-verita` l-bazi ta` l-azzjoni ta` l-atturi tirrigwarda dak li ghandu x`jaqsam mal-*Pensions and Contingency Fund* u l-hlasijiet relatati mal-*cost of living allowance.*

Tant dan huwa hekk illi fil-premessi ta` r-rikors guramentat l-atturi jghidu :-

*a. Illi l-hlas reali spettanti lill-haddiema tax-Xatt in lieu tal-cost of living allowance dovut b`effett mill-1973, ghal kull haddiem licenzjat skont minn meta beda f`dan ix-xoghol, kien jeccedi bil-bosta dak li effettivament rcevew l-atturi rikorrenti, u fil-fatt is-somma li thallset lill-atturi rikorrenti giet dikjarata mill-Port Workers` Section bhala hlas ex gratia kif indikat fil-ftehim, specifikament fi klawsola 6.2(d)(i), li huwa inqas minn dak dovut, meta fil-fatt dan il-hlas kien dovut lilhom fl-intier tieghu.*

*b. Illi oltre dan, in forza tal-istess ftehim, liema ftehim huwa nieqes minn Appendici A u B, u b`liema ftehim gew favoreggjati u preferuti dawk il-haddiema li ottjenew il-licenzja ricentement, stante illi dawn il-haddiema rcevew hlas bil-quddiem tal-cost of living allowance (u cioe` gie affetwat hlas favur taghhom a bazi ta` kemm fadlilhom zmien jahdmu minn meta nghataw il-licenzja sal-eta` pensjonabbli), filwaqt illi l-atturi rikorrenti rcevew il-hlas tal-cost of living allowance a bazi taz-zmien kemm ilhom licenzjati bhala haddiema tax-Xatt sal-eta` pensjonabbli jew sa ghaxar (10) snin minn meta dahlu port workers minn Gunju 2007.*

*c. Illi in forza tal-ftehim konkluz fit-30 ta` Gunju 2007 id-drittijiet tal-atturi rikorrenti gew ippregudikati, stante illi huma gew imcahhda minn flus dovuti lilhom u li kkontribwew direttament ghalihom huma stess, u li gew depozitati fil-Pensions and Contingency Fund minn fejn gew effetwati l-hlasijiet, imsemmija aktar `l fuq, u wkoll peress li meta l-Haddiema tax-Xatt jiehdu l-leave, huma ma jkollhomx dritt pro rata ghal dawn il-hlasijiet.*

*d. Illi l-atturi rikorrenti gew kostretti li jaccettaw il-pattijiet u l-kundizzjonijiet stipulati f`dan il-ftehim, inkluz il-hlas effetwat lilhom, stante fin-nuqqas li jaghmlu dan, kienu jigu mcahhda mill-hlas ta` circa ekwivalenti ghal Euro 34,940.60 ekwivalenti ghal Lm 15,000, meta jispicca biz-zmien u wkoll il-werrieta li kien fadal tal-atturi rikorrenti jibdew mill-cost of living*

*allowance 0-rating, meta kull eredi li dahal qabel id-data tal-kuntratt, u cioe` qabel it-30 ta` Gunju 2007, ha l-vantaggi kollha li halla missieru.*

Huwa evidenti illi dak li qed jilmentaw minnu l-atturi huma propju l-punti riflessi fil-premessi tat-talbiet taghhom. Il-premessi huma fatti relatati ma` drittijiet taghhom abbinati mal-*Pensions and Contingency Fund*, u fost ohrajn ghal dak li jirrigwarda l-*cost of living allowance* dovut. Huwa proprju peress li l-lmenti ta` l-atturi jirrelataw mal-kwistjoni tal-*Pensions and Contingency Fund* u l-*Cost of living allowance* dwar liema l-istess atturi allegatament iffirmaw skrittura individwali li din il-Qorti ghandha tqis din l-eccezzjoni.

Jirrizulta li fil-ftehim li qed jigi mpunjat b`talba ghal dikjarazzjoni ta` nullita`, il-haddiema licenzjati tax-xatt kellhom ghazla. L-ewwel ozzjoni kienet dik hekk kif imfissra fl-Art 6.2(d) li bazikament kienet tinkorpora s-sistema l-gdida ; u t-tieni ozzjoni, dik stipolata fl-Art 6.2(e) fejn il-haddiem seta` jaghzel li jibqa` jithallas bis-sistema vigenti qabel il-ftehim. Ghalhekk l-iskrittura li qed tigi attakkata fiha nfisha ma kienet qeghda timponi xejn fuq il-haddiema tax-xatt, anzi tathom l-ghazla li jmorru ghal opzjoni jew ghal ohra liberament.

Sussegwentement kull haddiem licenzjat tax-xatt indivdwalment ghamel car bil-kitba jekk kienx se jmur ghall-ewwel opzjoni jew ghat-tieni opzjoni. Wiehed biss ghazel is-sistema ta` qabel ir-riforma tant li mhuwiex attur fil-kawza tal-lum.

**Ghalhekk dak li din il-Qorti trid tevalwa huwa jekk l-iskritturi ffirmati individwalment jammontawx ghal rinunzja ghall-azzjoni gudizzjarja futura dwar l-istess mertu ta` hlasijiet u jekk tali skritturi jammontawx ghal hlas ghas-saldu li jcahhad lill-atturi milli jitolbu ghal aktar hlasijiet hekk kif qed jitolbu permezz tat-tieni u t-tielet talbiet taghhom.**

Dan l-ezami jrid isir sabiex din il-Qorti tkun tista` tiddetermina jekk l-atturi rrinunzjawx ghall-azzjoni gudizzjarja futura in konnessjoni ma` kwistjonijiet relatati mal-*pensions and contingency fund* u mal-*cost of living allowance.*

Dwar dan il-punt, ghandu jinghad illi "*rinunzja espressa ghad-dritt hemm bzonn li tirrizulta minn espressjonijiet cari u univoci….*" (**Vol. XXXIV.II.646)**.

"*Rinunzji taciti ta` drittijiet ma jistghux jigu desunti hlief minn cirkostanzi tali li jippresupponu b`mod car u uniku l-abbandun tad-dritt*" – "**Carmelo Galea vs Dottor Albert Camilleri noe"**, (App. Civ. : 18 ta` Marzu 1977).

Fl-istess sens hija s-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri fit-28 ta` Novembru 2008 fil-kawza "**Paolo Bonnici Limited vs Anthony Frendo**" fejn inghad :-

*"In materja ta` rinunzja ta` dritt tajjeb li ssir referenza ghall-insenjament tal-Qorti tal-Appell Qrati tal-Gustizzja (Sede Inferjuri) (Appell Civili Nru. 583/2002/1) fl-ismijiet "**Anthony u Joan konjugi Scerri -vsAnthony u Sylvie konjugi Cutajar et**" fejn intqal hekk :*

*"Bla dubju r-rinunzja hija att guridiku unilaterali, b`karattru abdikattiv in kwantu tirrizolvi ruhha fittelf tad-dritt gja akkwistat. Ghaldaqstant iggorr leffetti taghha imprexxindibilment mill-accettazzjoni tal-parti l-ohra. Kif spjegat mill-Laurent ("Principii di Diritto Civile", Vol. XXXII para. 126 pagna 109) ir-rinunzja hija "la manifestazione di una volonta`, e la volonta` o il consenso puo manifestarsi o espressamente o tacitamente". Din il-volontà trid tkun cara u pozittiva u tista` tkun dezumibbli kemm minn provi diretti kemm minn presunzjonijiet ;*

*Korrispondenti ma` dan il-hsieb, il-gurisprudenza taghna ma tonqosx milli tavverti illi :*

*(1) "La rinunzia ad un diritto, perchè si possa ritenere tale, deve risultare da espressioni chiare ed univoche, e non gia da espressione generiche". (Kollez. Vol. XXVIII P III p 1154) ;*

*(2) "Qualunque rinunzia, non essendo generale e specifica, non riceve che stretta interpretazione, in guisa che in dubbio s` intenda rimesso quanto meno sia possibile" **("Sciberras -vs- Giappone**, Qorti Civili, Prim` Awla, 12 ta` Ottubru, 1840) ;*

*(3) "Ir-rinunzji huma di stretto diritto u ghandhom jirrizultaw minn fatti assolutament inkonciljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt u li juri l-volonta` preciza tar-rinunzjant" – **"Henry Thake –vs - Carmel sive Lino Borg**", Appell, sede inferjuri, 25 ta` Novembru, 1986 ;*

*(4) "In kwantu ghall-ezami dwar in-natura ta` l-att u l-effikacja tieghu biex jopera r-rinunzja, dan l-ezami huwa rimess ghall-apprezzament tal-gudikant, li ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha li fihom gie kompjut l-att" (Kollez. Vol. XXXIV P II p 646)."*

Fil-kawza li tat din il-Qorti (**PA/JRM**) fl-14 ta` April, 2015 fil-kawza "**Avukat Dottor Tanya Sciberras Camilleri noe v. Onorevoli Dr Emanuel Mallia nomine et**" kien eccepit in-nuqqas ta` interess guridiku billi kien hemm rinunzja għal kull rimedju ġudizzjarju ieħor. Inghad :-

*"Fl-ewwel lok, fi kwestjoni fejn parti f`kuntratt tidher li qiegħda tirrinunzja għal xi jedd, il-liġi titlob li rinunzja bħal dik tkun mogħnija b`ċerti kwalitajiet. Kemm hu hekk, jingħad li dejjem inżamm li r-rinunzja għall-jeddijiet ma tistax tkun waħda mpliċita, iżda trid issir u tingħamel b`mod espress li ma jħalli l-ebda dubju fil-moħħ u l-imġieba tal-kontro-parti li l-kreditur tal-obbligazzjoni ma jkunx tabilħaqq għadu jisħaq għal dak il-jedd (App. Ċiv. 30.1.1995 fil-kawża fl-ismijiet* ***Soler vs Esposito*** *(Kollez. Vol: LXXIX.ii.285). Ir-rinunzja tal-jedd żgur ma ssirx b`implikazzjoni jew fuq bażi ta` konġettura (28 App. Ċiv. 11.2.1993 fil-kawża fl-ismijiet* ***Gauċi et vs Fenech noe*** *(Kollez. Vol: LXXVII.ii.223). U biex parti f`kuntratt titqies li bis-skiet tagħha jew għax toqgħod għal ċirkostanza partikolari tkun b`daqshekk irrinunzjat għal xi jedd tagħha taħt tali kuntratt, iridu jirriżultaw elementi preċiżi li d-duttrina ilha li stabiliet ( P.A. TM 20.10.2005 fil-kawża fl-ismijiet* ***Anthony J. Terreni vs Dr. Rene` Frendo Randon et*** *(konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-3.10.2008)"*

**Minn analizi tal-iskritturi ezebiti, jirrizulta li hemm rinunzja ghall-jedd ta` azzjoni ulterjuri dwar hlasijiet u pendenzi relatati mal-*Pensions and Contingency Fund.***

**Wara li kien iffirmat il-ftehim tat-30 ta` Gunju 2007, l-atturi kellhom zmien sabiex jaghzlu l-opzjoni li riedu. Marru individwalment jiffirmaw il- ftehim u accettaw il-flejjes li nghatawlhom in vista ta` l-istess skritturi u ftehim tat-30 ta` Gunju 2007. Baqghu sal-lum il-gurnata jgawdu minn dawn il-flejjes peress li fl-ebda hin ma tressqet xi prova li dawn iddepozitaw fir-registru ta` din l-Qorti xi parti mill-ammonti li kienu nghataw. Addizzjonalment ghandu jigi osservat li f` din l-kawza, l-atturi ma attakkawx il-validita` ta` dawn l-iskritturi individwali li ffirmaw u ghalhekk il-Qorti ma tistax tissindika jekk kienx hemm xi vizzji tal-kunsens meta effettivament dawn gew iffirmati.**

Dwar il-kontenut ta` l-iskritturi, dawn huma ferm cari u fihom hemm dikjarazzjoni inekwivoka li l-hlasijiet maghmula kienu ser ikunu ghas-saldu ta` kwalunkwe pretensjonijiet.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Fithome Limited v Galaxy Holiday Resorts Limited**" li kienet deciza minn din il-Qorti fl-24 ta` Mejju 2001, fejn qamet kwistjoni dwar jekk bil-fatt illi l-attrici tkun sarrfet *cheque* – meta kellha indikazzjoni cara li l-ammont kien qed jithallas *in full and final settlement* – anki jekk dan ghamlitu bla pregudizzju - ifissirx illi tkun tilfet id-dritt ta` kwalunkwe bilanc iehor li tkun qed tirreklama. Inghad hekk :-

*"Illi din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza "**Dr Stefan Camilleri LL.D. noe vs Calbros Ltd**" (2 ta` Dicembru 1999 – Cit Nru 1616/98/RCP) ikkwotat mis-sentenza tal-Qorti tal- Appell tas-26 ta` Novembru 1986 fl-ismijiet "**William Apap vs Joseph Galea et noe**" fejn intqal hekk ;*

*"Infatti jekk id-debitur offerent jiddikjara b`mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament ghas-saldu talpretensjonijiet kollha tal-kreditur, m`ghandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaccettah b`kondizzjonijiet u riservi li necessarjament huma inkonsistenti ma offerta ta` pagament a saldu".*

*Illi f`dan il-kaz ikkwotat il-konvenut nomine akkompanja ccheque b`ittra li ma kienitx thalli dubju dwar x`mod ta` pagament kien qed jigi offert. Illi fil-kaz odjern is-socjeta` konvenuta mac-cheque li ntbaghat kien akkompanjat b`ittra fejn fl-ahhar paragrafu kien hemm hekk: "Consequently please find our cheque number 10111 for Lm3147.32 in full and final settlement of the account".*

*Fl-istess kaz tal-Qorti tal-Appell kien inghad li :*

*"Il-pagament ma giex offert b`xi riserva favur l-appellant li ghalhekk, jekk kellu pretensjonijiet ohra oltre dak li kien qed jigi offert lilu ma kellux isarraf ic-cheque li baghtlu l-konvenut nomine".*

*Dan kollu gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tas-6 ta` Mejju 1991, fil-kawza fl-ismijiet "**Francis Penza vs John Mallia**"; u mill-Qorti Civili Prim` Awla fis-sentenza flismijiet "**Raymond Bonnici noe vs Horace Tonna**" – 24 ta` April 1992 – JSP – il-Qorti rriteniet illi :*

*"Ma jista` jkun hemm l-ebda dubju li l-intenzjoni tal-attur nomine kienet cara, kif lanqas jista` jkun hemm dubju li lkunsens tal-kreditur konvenut seta` kien vizzjat minn xi zball invincibbli li l-offerta kienet qed issir biss akkont tal-ammont minnu pretiz. Hu naturali li zball jew injoranza ta` ligi bl-ebda mod ma jistghu jiggustifikaw il-pretensjoni talkonvenut li, effetivament, bl-eccezzjoni li taha, qed isostni li hu kellu kull dritt li jaccetta pagament ghas-saldu bhala pagament akkont b`decizjoni unilaterali tieghu u li setgha jaghmel dan sempliciment billi jikkomunika lid-debitur kif u taht liema modalita` hu sarraf ic-cheque. Posizzjoni din legalment insostenibbli".*

*Illi ricentement fi "**Trinatours Limited vs Martin Camilleri**" (Avviz Nru 524/98/DM – 27 ta` April 2001), il-Magistrat Dennis Montebello kkwota diversi sentenzi. Huwa rrefera ghall-kawza fl-ismijiet "**St George`s Park Company Limited vs Eric Pace Bonello noe**" – (Avviz 966/97) deciza fit-12 ta` Jannar 2001 mill-istess Qorti fejn intqal :*

*"Din il-posizzjoni diga giet ikkunsidrata diversi drabi mill- Qorti taghna u l-gurisprudenza prepoderanti f`kwistjonjiet simili hija illi jekk il-kreditur jaccetta pagament mibghut lilu ghas-saldu ikun qieghed jikkonferma illi b`dak il-pagament ikun inqatel id-dejn u ma jistax jippretendi huwa li jkun baqghalu kreditu ghall-bilanc".*

*Illi m`hemm l-ebda dubju li c-cheque li ntbaghat missocjeta` konvenuta ssarraf mis-socjeta` attrici … Kwindi jekk is-socjeta` attrici kellha pretensjonijiet ohra ma kelliex issarraf ic-cheque mibghut mis-socjeta` konvenuta. Il-fatt li baghtet ittra fejn qalet li dak kien se jkun konsidrat bhala pagament iehor fuq l-account u li kienu qed jinsistu sabiex l-ammont li kien ghad fadal jithallas mhux bizzejjed."*

Fil-kawza tal-lum, l-atturi kellhom zewg opzjonijiet skont il-ftehim li qeghdin jattakkaw fil-kawza tal-lum u li kien iffirmat mill-union taghhom ghan-nom taghhom. Huma ghamlu l-ghazla taghhom permezz ta` skrittura ffirmata **individwalment** minn kull wiehed minnhom, il-validita` ta` liema skrittura ma kenitx attakkata – lanqas fil-kawza tal-lum. Dan ukoll fl-isfond li l-Malta Dockers Union kienet qed izzomm laqghat biex tispjega lill-haddiema dawn l-ghazliet u r-riforma li kienet qed tigi proposta. L-istess haddiema tax-xatt hadu l-flus hekk moghtija lilhom minghajr ma ghamlu l-ebda rizerva. Imbaghad jidher li ddecidew li din l-ghazla jista` jkun li ma kinitx dik l-aktar vantaggjuza ghalihom u ghalhekk iddecidew li jressqu din il-kawza biex jiddikjaraw ftehim null u sabiex din il-Qorti taghti ordnijiet dwar kif l-atturi ghandhom jirivievu l-hlas dovut lilhom *in lieu* tal-*cost of living allowance.*

**Dan premess il-Qorti hija tal-fehma li bl-iffirmar ta` l-iskritturi individwali fejn ghazlu l-opzjoni riferita fl-Art 6.2(d) tal-ftehim tat-30 ta` Gunju 2007 u rrinunzjaw ghal kwalunkwe pretensjonijiet ohra minn dan il-fond, l-atturi tilfu d-dritt li seta` kellhom li jipprocedu b`kawza ohra sabiex jattakkaw il-validita` ta` dan il-ftehim abbazi ta` pretensjonijiet fir-rigward tal-*Pensions and Contingency Fund.***

Billi l-pern tal-azzjoni hija l-kwistjoni tal-*cost of living allowance* u l-*Pensions and Contingency Fund*, bid-dikjarazzjonijiet li ffirmaw, l-atturi ma jistghux ibiddlu l-fehma taghhom u jippretendu li jithallsu bis-sistema precedenti ghal dik tar-riforma. Dan qed jinghad iktar u iktar meta l-istess atturi qatt ma kkontestaw il-validita ta` dawn id-dikjarazzjonijiet iffirmati b` mod individwali minnhom.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda <u>tilqa</u>` l-ewwel (1) eccezzjoni tal-konvenuta Malta Dockers Union.**

## VI. <u>Interess guridiku</u>

Kif diga` stabbilit, minn ezami ta` d-dikjarazzjonijiet a fol 111 sa 183 tal-process kif ukoll dawk a fol 27 sa 98, jidher li ma kienx hemm dikjarazzjonijiet li jirrigwardaw l-atturi : Antoine Abela (I.D. 333877M) ; Keith Spiteri (I.D. 324282M) ; Noel Borg (I.D. 6264M) ; Ivan Spiteri (I.D. 426678M) ; Anthony sive Tony Felice (I.D. 253646M) ; u Simone Scerri (I.D. 23870M).

Fit-tielet u fir-raba` eccezzjonijiet, il-konvenuta Malta Dockers Union eccepiet in-nuqas ta` interess guridiku fil-konfront ta` dawn l-atturi ghar-ragunijiet li kienu msemmija.

Din il-Qorti ssib illi fir-rigward ta` dawn il-persuni kollha hlief ghal Anthony Felice, ma kellhomx licenzja wara id-data ta` l-ftehim u ma kinux haddiema licenzjati tal-port fid-data tal-ftehim (ara fol 187). Din il-kawza tirrigwarda l-allegati drittijiet tal-haddiema **<u>licenzjati</u>** tax-xatt. Il-ftehim tat-30 ta` Gunju 2007 kien jirrigwarda l-haddiema tax-xatt li kien f` dak iz-zmien **<u>licenzjati</u>**. Fl-ebda hin ma tressqu xi provi li dawn il-persuni kellhom xi familjari taghhom li kien haddiem tax-xatt **<u>licenzjat</u>** fiz-zmien meta sehh dan il-ftehim u li huma saru atturi f` din il-kawza peress li dahlu fil-post ta` dak il-membru tal-familja taghhom. Ladarba dawn ma kinux haddiema tax-

xatt **licenzjati** fiz-zmien meta sar dan il-ftehim, huma ma ghandhomx *locus standi* biex jattakkaw il-ftehim.

Fir-rigward ta` Anthony Felice, dan ukoll m`ghandhux interess guridiku biex imexxi din il-kawza stante li huwa kien diga` rtira minn haddiem tax-xatt fiz-zmien meta gie ffirmat il-ftehim tat-30 ta` Gunju 2007, Dan il-ftehim ma kienx ghalhekk japplika ghalih peress li huwa kien gia` ha bis-sistema vigenti precedenti dak li kien dovut lilu bhala *cost of living allowance.* Fil-mori tal-kawza, dan lanqas ma ressaq xi gustifikazzjoni ghalfejn huwa kien ipprezenta din il-kawza u ghalhekk il-Qorti tara li dan ma kien ha jikseb l-ebda rizultat vantaggjuz ghalih b` din il-kawza ghax il-ftehim ma kienx jaffettwa l-pozizzjoni tieghu.

**It-tielet u r-raba` eccezzjonijiet ta` Malta Dockers Unions qeghda jigu milqugha.**

## VII. Il-konvenuti l-ohra

**Il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti jghoddu *mutatis mutandis* ghall-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra safejn dawn jolqtu l-istess materji.**

## VIII. It-tieni u t-tielet talbiet

**Ma hemmx il-htiega li taghti konsiderazzjoni ghat-tieni u ghat-tielet talbiet attrici billi l-Qorti diga` sabet illi l-atturi ma kellhomx interess guridiku li jippromwovu l-azzjoni fil-konfront tal-konvenuti kollha.**

## Decide

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :**

**Tilqa` l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba` (4), il-hames (5) u s-seba` (7) eccezzjonijiet tal-konvenuti Onorevoli Prim Ministru,**

**Avukat Generali u Ministru tal-Kompetittivita` u Komunikazzjoni, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt (6) eccezzjoni tal-istess konvenuti.**

**Tilqa` l-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba` (4) eccezzjonijiet tal-konvenuta Malta Dockers Union, tichad il-hames (5) eccezzjoni tal-istess konvenuta, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) eccezzjoni tal-istess konvenuta.**

**Tilqa` l-ewwel (1), it-tielet (3), ir-raba` (4) u l-hames (5) eccezzjonijiet tal-konvenuta Awtorita` Ghat-Trasport f`Malta gia` Awtorita` Marittima ta` Malta, filwaqt illi tichad it-tieni (2) eccezzjoni tal-istess konvenuta.**

**Tichad it-talbiet kollha tal-atturi.**

**Tordna lill-atturi sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**